Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/0227(COD)

3.6.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ewropa Globali
(COM(2025)0551 – C10-0175/2025 – 2025/0227(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Abir Al-Sahlani

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-programm Ewropa Globali (l-"Istrument") bil-ħsieb li jinżammu u jiġu promossi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).	(1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-programm Ewropa Globali (l-"Istrument") bil-ħsieb li jinżammu u jiġu promossi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ***u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata mill-Aġendi Strateġiċi tal-Kunsill Ewropew, mir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew u mil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni, li jistabbilixxu l-viżjoni, l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-prijoritajiet tal-Unjoni. Filwaqt li tisfrutta s-setgħa u s-sħubijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-azzjoni esterna implimentata taħt l-Istrument tipproteġi u tippromwovi l-valuri tal-Unjoni, issaħħaħ il-paċi u s-sigurtà u ssaħħaħ it-tħejjija, il-prosperità u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex tavvanza	(4) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata mill-Aġendi Strateġiċi tal-Kunsill Ewropew, mir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew u mil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni, li jistabbilixxu l-viżjoni, l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-prijoritajiet tal-Unjoni. Filwaqt li tisfrutta s-setgħa u s-sħubijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li l-azzjoni esterna implimentata taħt l-Istrument tipproteġi u tippromwovi l-valuri tal-Unjoni***, tappoġġa u tippromwovi d-demokrazija, id-drittijiet tan-nisa u l-istat tad-dritt, tirrispetta d-drittijiet tal-***

l-prijoritajiet u l-interessi tal-Unjoni fl-azzjoni esterna tagħha, jenħtieġ li l-Unjoni taħdem fi sħubija ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali.	***bniedem, tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u tal-bniedem u l-qerda tal-faqar, tistabbilixxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, issaħħaħ il-paċi u s-sigurtà u ssaħħaħ it-tħejjija, il-prosperità***, is-sostenibbiltà*** u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex tavvanza l-prijoritajiet u l-interessi tal-Unjoni fl-azzjoni esterna tagħha, jenħtieġ li l-Unjoni taħdem fi sħubija ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata wkoll mill-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tat-8 ta' Ġunju 2017 (il-"Kunsens") li jipprevedi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-inugwaljanzi kumulattivi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa inklużi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, li ħadd ma jitħalla jibqa' lura irrispettivament mill-ġeneru, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali u l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità, l-istatus tal-migrazzjoni/l-etniċità jew fatturi oħra, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-impatti tiegħu relatati mal-ġeneru, u t-tishih tar-reżiljenza huma fil-qalba tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u jenħtieġ li jirfdu l-implimentazzjoni tal-Istrument.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li l-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt l-Istrument ikun permezz ta' azzjonijiet ġeografiċi programmabbli fil-livell tal-pajjiż, ta' diversi pajjiżi, reġjonali u transreġjonali, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni. Jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi kkomplementat, fejn rilevanti, minn azzjonijiet ġeografiċi mhux programmabbli, inklużi azzjonijiet li jikkonċernaw l-għajnuna umanitarja, l-assistenza makrofinanzjarja, l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kriżijiet, tal-paċi u tal-politika barranija, u t-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kompetittività, kif ukoll azzjonijiet programmabbli u mhux programmabbli globali.	(6) Jenħtieġ li l-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati taħt l-Istrument ikun permezz ta' azzjonijiet ġeografiċi programmabbli fil-livell tal-pajjiż, ta' diversi pajjiżi, reġjonali u transreġjonali, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni. Jenħtieġ li dak l-approċċ jiġi kkomplementat, fejn rilevanti, minn azzjonijiet ġeografiċi mhux programmabbli, inklużi azzjonijiet li jikkonċernaw l-għajnuna umanitarja, l-assistenza makrofinanzjarja, l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kriżijiet, tal-paċi u tal-politika barranija, u t-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kompetittività, kif ukoll azzjonijiet programmabbli u mhux programmabbli globali. ***Sabiex jiġi żgurat it-twettiq effettiv, l-implimentazzjoni tal-Istrument jenħtieġ li tissimplifika u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għall-awtoritajiet lokali u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa, b'mod partikolari f'ambjenti fraġli, ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt.***

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-azzjonijiet ta' reżiljenza jippermettu lill-Unjoni żżid il-kooperazzjoni tagħha, fejn meħtieġ fid-dawl tal-volatilità tal-kuntest estern. Jenħtieġ li dawn ikunu flessibbli, inkluż fir-rispons u t-tisħiħ tal-azzjonijiet li jindirizzaw il-fraġilità, il-kriżijiet u l-	(11) Jenħtieġ li l-azzjonijiet ta' reżiljenza jippermettu lill-Unjoni żżid il-kooperazzjoni tagħha, fejn meħtieġ fid-dawl tal-volatilità tal-kuntest estern. Jenħtieġ li dawn ikunu flessibbli, inkluż fir-rispons u t-tisħiħ tal-azzjonijiet li jindirizzaw il-fraġilità, il-kriżijiet u l-

appoġġ għar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' rkupru u rikostruzzjoni wara l-kunflitt, kif ukoll il-kriżijiet tal-bilanċ tal-pagamenti.	appoġġ għar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi ***u d-drittijiet tan-nisa***, filwaqt li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' rkupru ***billi tingħata prijorità lill-parteċipazzjoni tan-nisa*** u rikostruzzjoni wara l-kunflitt, kif ukoll il-kriżijiet tal-bilanċ tal-pagamenti.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-ħtiġijiet ta' kriżi, paċi u politika barranija jinkludu azzjonijiet li jippermettu lill-Unjoni tirrispondi għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali u mhux previsti jew għal interess imperattiv ta' politika barranija, inkluż fejn ikun hemm theddida għall-paċi, għad-demokrazija, għall-ordni pubbliku, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali. Jenħtieġ li dawk l-azzjonijiet jitfasslu għal rispons tal-Unjoni li jkun effettiv, effiċjenti, integrat u sensittiv għall-kunflitti biex jinkisbu l-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi, fraġilità, theddid ibridu, kriżi emerġenti jew diżastri naturali, ***inklużi s-sigurtà u s-sikurezza*** tal-individwi, b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza ***sesswali u*** bbażata fuq il-ġeneru, f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà; jew li jheddu li jeskalaw f'kunflitt armat jew li jiddestabbilizzaw severament lill-pajjiż sieħeb jew pajjiżi sħab ikkonċernati. Jenħtieġ li dawn jappoġġaw ukoll inizjattivi innovattivi maħsuba biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-politika barranija fi kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà u jippermettu lill-Unjoni taġixxi fejn ikun hemm opportunità biex tilħaq l-objettivi tagħha, li huma diffiċli li jiġu indirizzati b'mezzi oħrajn.	(13) Jenħtieġ li l-ħtiġijiet ta' kriżi, paċi u politika barranija jinkludu azzjonijiet li jippermettu lill-Unjoni tirrispondi għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali u mhux previsti jew għal interess imperattiv ta' politika barranija, inkluż fejn ikun hemm theddida għall-paċi, għad-demokrazija, għall-ordni pubbliku ***u għad-drittijiet tan-nisa, li jiffaċċjaw theddid minħabba r-rigressjoni globali kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali u ż-żieda fis-sessiżmu, fix-xejriet preġudikati b'saħħithom kontra n-nisa u fir-rettorika kontra l-LGBTIQ***+, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem***, tad-drittijiet tan-nisa*** u għal-libertajiet fundamentali. Jenħtieġ li dawk l-azzjonijiet jitfasslu għal rispons tal-Unjoni li jkun effettiv, effiċjenti, integrat u sensittiv għall-kunflitti biex jinkisbu l-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, kriżi, fraġilità, theddid ibridu, kriżi emerġenti jew diżastri naturali, ***inkluż permezz tal-promozzjoni tal-aġenda tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u l-indirizzar tar-riskji għas-sigurtà, għas-sikurezza u għall-protezzjoni*** tal-individwi, b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza bbażata fuq il-ġeneru***, inkluż permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni, servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ iċċentrati fuq is-superstiti, aċċess għal***

mekkaniżmi ta' ġustizzja u responsabbiltà, f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà; jew li jheddu li jeskalaw f'kunflitt armat jew li jiddestabbilizzaw severament lill-pajjiż sieħeb jew pajjiżi sħab ikkonċernati. Jenħtieġ li dawn jappoġġaw ukoll inizjattivi innovattivi maħsuba biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-politika barranija fi kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà u jippermettu lill-Unjoni taġixxi fejn ikun hemm opportunità biex tilħaq l-objettivi tagħha, li huma diffiċli li jiġu indirizzati b'mezzi oħrajn.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) F'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, fraġilità u rkupru wara l-kunflitt, l-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż billi jiżgura l-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa fil-proċessi ta' paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti, fir-riforma tas-settur tas-sigurtà u fl-isforzi ta' rikostruzzjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tippromwovi r-rispett għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tkun imsejsa fuqu, inkluża d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948, u fuq id-dritt umanitarju internazzjonali, u jenħtieġ li tkun iggwidata	(16) Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tippromwovi r-rispett għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tkun imsejsa fuqu, inkluża d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948, u fuq id-dritt umanitarju internazzjonali, u jenħtieġ li tkun iggwidata

mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem.	mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem***, inklużi d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet***.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-Artikolu 49 tat-TUE jipprevedi li kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt, kif ukoll tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u li huwa impenjat li jippromwovi dawk il-valuri jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. Dawk il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn ***in-nisa u l-irġiel***, il-ġustizzja interġenerazzjonali u d-diversità kulturali. Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq kriterji stabbiliti, kundizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji. Stat Ewropew li jkun applika biex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru tal-Unjoni biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa kompletament il-kriterji ta' adeżjoni stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-"kriterji ta' Copenhagen") u diment li l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra l-membru l-ġdid. Impenn sod għal approċċ tal-"prijorità tal-kwistjonijiet fundamentali", li jeħtieġ enfasi qawwija fuq l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fuq il-kriterji ekonomiċi, jibqa' essenzjali. Il-progress jiddependi fuq l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa minn kull pajjiż	(17) L-Artikolu 49 tat-TUE jipprevedi li kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt, kif ukoll tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, u li huwa impenjat li jippromwovi dawk il-valuri jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. Dawk il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri***, il-ġustizzja interġenerazzjonali u d-diversità kulturali. Il-proċess tat-tkabbir huwa mibni fuq kriterji stabbiliti, kundizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji. Stat Ewropew li jkun applika biex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru tal-Unjoni biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa kompletament il-kriterji ta' adeżjoni stabbiliti fil-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen f'Ġunju 1993 (il-"kriterji ta' Copenhagen") u diment li l-Unjoni jkollha l-kapaċità li tintegra l-membru l-ġdid. Impenn sod għal approċċ tal-"prijorità tal-kwistjonijiet fundamentali", li jeħtieġ enfasi qawwija fuq l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-drittijiet fundamentali***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fuq il-kriterji ekonomiċi, jibqa' essenzjali. Il-progress jiddependi fuq l-implimentazzjoni

kandidat u kandidat potenzjali biex jallinjaw mal-acquis tal-Unjoni.	tar-riformi meħtieġa minn kull pajjiż kandidat u kandidat potenzjali biex jallinjaw mal-acquis tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) L-Artikolu 8 tat-TFUE inaqqax l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala valur fundamentali li fuqu hija bbażata l-Unjoni; billi l-Unjoni timpenja ruħha li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li telimina l-inugwaljanzi fl-azzjonijiet kollha tagħha, u b'hekk tistabbilixxi prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni, li jinvolvi l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati kif ukoll trasparenza sħiħa fl-allokazzjonijiet bażitarji ddedikati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni hija investiment strateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità fl-Ewropa u tippermetti lill-Unjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi globali. Hija tipprovdi wkoll aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Istati Membri aspiranti, filwaqt li tiżgura trasformazzjoni gradwali tal-pajjiżi sħab. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jinkorpora bidla demokratika, politika, ekonomika u	(18) Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni hija investiment strateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità fl-Ewropa u tippermetti lill-Unjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi globali. Huwa jipprovdi wkoll aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal-Istati Membri aspiranti, filwaqt li jiżgura trasformazzjoni gradwali tal-pajjiżi sħab***, inkluż l-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jinkorpora bidla

soċjetali pożittiva. Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha li javvanzaw l-isforzi tagħhom biex jirriformaw is-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi tagħhom bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni u li jappoġġaw il-proċess ta' adeżjoni tagħhom.

demokratika, politika, ekonomika u soċjetali pożittiva. Huwa fl-interess komuni tal-Unjoni u tas-sħab tagħha li javvanzaw l-isforzi tagħhom biex jirriformaw is-sistemi politiċi, legali u ekonomiċi tagħhom bil-ħsieb tas-sħubija futura tagħhom fl-Unjoni u li jappoġġaw il-proċess ta' adeżjoni tagħhom***, inklużi riformi li jespandu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija, fl-aċċess għal xogħol deċenti, fl-intraprenditorija, fil-finanzi u fil-paga ugwali***.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ bla preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja tal-Ukrajna. L-iskala tal-ħsara kkawżata lill-Ukrajna teħtieġ appoġġ sinifikanti u flessibbli lill-Ukrajna biex iżżomm il-funzjonijiet tal-gvern tagħha, tipprovdi servizzi pubbliċi, kif ukoll biex tappoġġa l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż. Jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi l-qafas għall-assistenza għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni mgħaġġla tal-pajjiż, biex jimmobilizza l-investimenti u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament, kif ukoll biex jiffaċilita l-allinjament tal-Ukrajna mal-istandards u l-valuri tal-Unjoni fi triqitha lejn l-adeżjoni mal-Unjoni. Jenħtieġ li t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni tkun marbuta mill-qrib mal-isforzi ta' rikostruzzjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ taħt l-Istrument, sa fejn ikun possibbli, jiġi integrat fi sforzi internazzjonali lejn arkitettura finanzjarja għall-irkupru tal-	(19) Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ bla preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja tal-Ukrajna. L-iskala tal-ħsara kkawżata lill-Ukrajna teħtieġ appoġġ sinifikanti u flessibbli lill-Ukrajna biex iżżomm il-funzjonijiet tal-gvern tagħha, tipprovdi servizzi pubbliċi, kif ukoll biex tappoġġa l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż. Jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi l-qafas għall-assistenza għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni mgħaġġla tal-pajjiż, biex jimmobilizza l-investimenti u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament, kif ukoll biex jiffaċilita l-allinjament tal-Ukrajna mal-istandards u l-valuri tal-Unjoni fi triqitha lejn l-adeżjoni mal-Unjoni. Jenħtieġ li t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni tkun marbuta mill-qrib mal-isforzi ta' rikostruzzjoni. Jenħtieġ li l-appoġġ taħt l-Istrument, sa fejn ikun possibbli, jiġi integrat fi sforzi internazzjonali lejn arkitettura finanzjarja għall-irkupru tal-

Ukrajna u jkun ikkoordinat mad-donaturi u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà xierqa tal-appoġġ.	Ukrajna u jkun ikkoordinat mad-donaturi u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà xierqa tal-appoġġ. ***Tali appoġġ jenħtieġ li jiżgura l-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa fir-rikostruzzjoni, fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u fl-irkupru ekonomiku, inklużi miżuri li jindirizzaw il-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti u li jippromwovu l-allinjament mal-acquis tal-Unjoni fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Is-sħubijiet internazzjonali tal-Unjoni għandhom l-għan li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet u jibnu sħubijiet ma' pajjiżi sħab***, *b'mod partikolari*** biex inaqqsu u, fit-tul, jeqirdu l-faqar f'konformità mal-objettiv primarju tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 208 tat-TFUE. Is-sħubijiet internazzjonali tal-Unjoni jikkontribwixxu wkoll għal objettivi oħrajn tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-salvagwardja tal-valuri u l-interessi fundamentali tal-Unjoni, sabiex jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi sħab.	(23) Is-sħubijiet internazzjonali tal-Unjoni għandhom l-għan li jiżviluppaw ir-relazzjonijiet u jibnu sħubijiet ma' pajjiżi sħab biex inaqqsu u, fit-tul, jeqirdu l-faqar ***b'miżuri speċifiċi mmirati lejn il-faqar tan-nisa peress li n-nisa u l-bniet minn madwar id-dinja huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar, il-kriżijiet umanitarji, it-tibdil fil-klima, il-kunflitti vjolenti, l-estremiżżmu, it-terroriżmu u l-gwerer u n-nuqqas ta' ikel, filwaqt li jenfasizzaw li l-familji b'ġenitur wieħed huma f'riskju akbar ta' faqar[1a] u esklużjoni soċjali[1b] u jesperjenzaw probabbiltà ogħla ta' faqar li jippersisti f'diversi ġenerazzjonijiet[1c],*** f'konformità mal-objettiv primarju tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 208 tat-TFUE. Is-sħubijiet internazzjonali tal-Unjoni jikkontribwixxu wkoll għal objettivi oħrajn tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari għas-salvagwardja tal-valuri u l-interessi fundamentali tal-Unjoni, sabiex jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u

ambjentali sostenibbli tal-pajjiżi sħab ***abbażi tal-prinċipju tal-ugwaljanza***.

[1a] EIGE, Poverty, gender and lone parents in the EU (Il-faqar, il-ġeneru u l-ġenituri waħedhom fl-UE), 2024, paġna 10, https://eige.europa.eu/about/beijing-platform-for-action?ba=293

[1b] Ibid., paġna 40; Studju mitlub mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Parlament Ewropew, "The situation of single parents in the EU" (Is-sitwazzjoni ta' ġenituri waħedhom fl-UE), id-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Parlament Ewropew, 2020, paġna 14, https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/659870/IPOL_STU(2020)659870_EN.pdf

[1c] Network Ewropew kontra l-Faqar, Towards the eradication of poverty (Lejn il-qerda tal-faqar), 2025, paġna 40 https://www.eapn.eu/towards-the-eradication-of-poverty-paper-out-now/

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tappoġġa l-istrateġija Global Gateway[10] , l-istrateġija ta' investiment estern tal-Unjoni biex tavvanza l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli flimkien mal-pajjiżi sħab. Bħala pilastru ewlieni tal-politika ekonomika barranija tal-Unjoni, din għandha l-għan li tagħti spinta lill-iżvilupp ta' infrastruttura sigura u ta' kwalità fil-pajjiżi sħab biex toħloq prosperità sostenibbli, impjiegi deċenti, u b'hekk issaħħaħ il-konnessjonijiet bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha, filwaqt li tkun ta' benefiċċju	(24) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tappoġġa l-istrateġija Global Gateway[10] , l-istrateġija ta' investiment estern tal-Unjoni biex tavvanza l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli flimkien mal-pajjiżi sħab. Bħala pilastru ewlieni tal-politika ekonomika barranija tal-Unjoni, din għandha l-għan li tagħti spinta lill-iżvilupp ta' infrastruttura sigura u ta' kwalità fil-pajjiżi sħab biex toħloq prosperità sostenibbli, impjiegi deċenti, u b'hekk issaħħaħ il-konnessjonijiet bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha, filwaqt li tkun ta' benefiċċju

wkoll għall-interessi strateġiċi u ekonomiċi tal-UE. Din l-istrateġija tisfrutta l-investimenti f'infrastruttura sigura b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni, il-klima u l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, u l-edukazzjoni u r-riċerka. Hija tappoġġa lill-pajjiżi li jfittxu li jsaħħu r-reżiljenza tagħhom b'mod sostenibbli, filwaqt li jsaħħu s-sħubijiet li huma importanti għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. Global Gateway hija wkoll offerta bbażata fuq il-valur li tippromwovi standards soċjali, ambjentali, ta' governanza u finanzjarji għoljin, u tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt ***u d-drittijiet*** tal-bniedem.

[10] Komunikazzjoni Konġunta (JOIN/2021/30 final) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Il-Global Gateway.

wkoll għall-interessi strateġiċi u ekonomiċi tal-UE. Din l-istrateġija tisfrutta l-investimenti f'infrastruttura sigura b'enfasi fuq ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** id-diġitalizzazzjoni, il-klima u l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, u l-edukazzjoni u r-riċerka. Hija tappoġġa lill-pajjiżi li jfittxu li jsaħħu r-reżiljenza tagħhom b'mod sostenibbli, filwaqt li jsaħħu s-sħubijiet li huma importanti għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. Global Gateway hija wkoll offerta bbażata fuq il-valur li tippromwovi standards soċjali, ambjentali, ta' governanza u finanzjarji għoljin, u tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet*** tal-bniedem ***u d-drittijiet tan-nisa***.

[10] Komunikazzjoni Konġunta (JOIN/2021/30 final) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Il-Global Gateway.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-Unjoni tinvolvi ruħha f'kuntesti li jesperjenzaw livelli estremament għoljin ta' fraġilità, żoni ta' kunflitt u kuntesti kumplessi oħrajn, billi tappoġġahom permezz ta' approċċ differenzjat biex tindirizza l-kawżi ewlenin tal-fraġilità, filwaqt li tipprovdi aċċess għal servizzi bażiċi u tippromwovi r-reżiljenza tal-popolazzjonijiet, tul ir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi.	(25) Jenħtieġ li l-Unjoni tinvolvi ruħha f'kuntesti li jesperjenzaw livelli estremament għoljin ta' fraġilità, żoni ta' kunflitt u kuntesti kumplessi oħrajn, billi tappoġġahom permezz ta' approċċ differenzjat biex tindirizza l-kawżi ewlenin tal-fraġilità, filwaqt li tipprovdi aċċess għal servizzi bażiċi ***inklużi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi*** u tippromwovi r-reżiljenza tal-popolazzjonijiet, tul ir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt differenzjat tal-fraġilità u tal-kunflitt fuq in-nisa u l-bniet***

u r-rwol tagħhom bħala aġenti tar-reżiljenza u l-irkupru ekonomiku.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali***. F'konformità mal-Istrateġija ProtectEU[11] ,*** jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi ***għal approċċ koerenti u komprensiv għas-sigurtà biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni***.	(26) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali ***filwaqt li jissalvagwardja d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala komponenti integrali tas-sigurtà.*** Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi ***għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà kif stabbilita mir-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti peress li tibqa' għodda essenzjali biex jiġi żgurat li d-drittijiet, l-aġenzija u l-protezzjoni tan-nisa u tal-bniet jiġu osservati u sostnuti f'kull ħin u biex jiġi kkonfermat li tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikattiva u ugwali tan-nisa fl-istituzzjonijiet u l-proċessi kollha tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-istabbiliment tal-paċi, tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tar-riabilitazzjoni wara l-kunflitt. Azzjoni speċifika fil-kuntest tal-azzjoni esterna tal-UE jenħtieġ li jkollha l-għan li tiġġieled ir-rigressjoni globali kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u ż-żieda fir-ritaljazzjoni, il-vjolenza, it-theddid u l-attakki kontra n-nisa u l-bniet u l-attivisti LGBTIQ+, kemm offline kif ukoll online, b'mod partikolari mmirati lejn id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti nisa, in-nisa li jikkonsolidaw il-paċi, l-organizzazzjonijiet ta' bażi tan-nisa, in-nisa attivi politikament, in-nisa migranti u ta' minorità etnika, in-nisa spostati bil-forza, u n-nisa u l-bniet l-oħra**

kollha f'ambjenti affettwati minn kunflitt u minn kriżi.

[11] Komunikazzjoni (COM/2025/148 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Jenħtieġ li l-Istrument isaħħaħ ir-reżiljenza demokratika fil-pajjiżi sħab, inkluż billi jiġġieled il-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija, jagħti s-setgħa lill-media ħielsa u pluralistika, jippromwovi l-involviment taċ-ċittadini, jiżgura l-ġustizzja u l-integrità tal-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħrajn, u billi jinvolvi ruħu f'attivitajiet ta' diplomazija pubblika.	(27) Jenħtieġ li l-Istrument isaħħaħ ir-reżiljenza demokratika fil-pajjiżi sħab, inkluż billi jiġġieled il-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija***, inkluża d-diżinformazzjoni dwar il-ġeneru, li hija diżinformazzjoni li hija intenzjonata timmira lejn in-nisa, speċjalment dawk li huma viżibbli fil-ħajja pubblika***, jagħti s-setgħa lill-media ħielsa u pluralistika***, jipproteġi s-sikurezza u l-indipendenza professjonali tal-ġurnalisti u jiżgura parteċipazzjoni ugwali tal-ġurnalisti nisa, jipproteġi lill-ġurnalisti nisa minn vjolenza u fastidju online u offline bbażati fuq il-ġeneru***, jippromwovi l-involviment taċ-ċittadini ***u soċjetà ċivili inklużiva***, jiżgura l-ġustizzja u l-integrità tal-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħrajn, u billi jinvolvi ruħu f'attivitajiet ta' diplomazija pubblika. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda koordinata ta' atturi u ta' networks kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kontra l-LGBTIQ+ u kontra d-drittijiet, inklużi dawk involuti f'kampanji ta' diżinformazzjoni u litigazzjoni strateġika biex jippruvaw ireġġgħu lura d-drittijiet fundamentali bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, u d-drittijiet***

LGBTIQ+. Attakki kkoordinati bħal dawn jaffettwaw b'mod sproporzjonat lid-difensuri nisa u LGBTIQ+ tad-drittijiet tal-bniedem, lill-ġurnalisti, lill-akkademiċi, lir-rappreżentanti eletti u lill-attivisti, u għandhom l-għan li jsikktu jew jintimidaw lil dawk li jiddefendu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'konformità mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 adottat fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fit-18 ta' Marzu 2015[12] , jenħtieġ li jingħata rikonoxximent lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-rispons u t-trażżin tal-kriżijiet għal approċċ aktar strutturali u fit-tul li jindirizza b'mod aktar effettiv sitwazzjonijiet ta' fraġilità, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, u kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfasi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, it-twissija bikrija, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija, u huma meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħu r-rispons rapidu u rkupru dejjiemi. Jenħtieġ li dan l-istrument jappoġġa riformi u investimenti li jsaħħu l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-kriżijiet, jinvestu fir-reżiljenza għall-klima u jsaħħu r-reżiljenza ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi.	(28) F'konformità mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 adottat fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fit-18 ta' Marzu 2015[12] , jenħtieġ li jingħata rikonoxximent lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-rispons u t-trażżin tal-kriżijiet għal approċċ aktar strutturali u fit-tul ***li jinvolvi t-tmexxija u l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u tal-bniet fil-fażijiet kollha tal-ġestjoni tar-riskju*** li jindirizza b'mod aktar effettiv sitwazzjonijiet ta' fraġilità, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, u kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfasi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, it-twissija bikrija, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija, u huma meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħu r-rispons rapidu u rkupru dejjiemi. Jenħtieġ li dan l-istrument jappoġġa riformi u investimenti li jsaħħu l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u tal-kriżijiet, jinvestu fir-reżiljenza għall-klima u jsaħħu r-reżiljenza ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi.

[12] "Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri", adottat fit-18 ta' Marzu 2015 u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-3 ta' Ġunju 2015 (A/RES/69/283).

[12] "Il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri", adottat fit-18 ta' Marzu 2015 u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-3 ta' Ġunju 2015 (A/RES/69/283).

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) L-Istrument jenħtieġ li jagħti spinta lill-awtonomija ekonomika tal-persuni fiż-żoni rurali, ultraperiferiċi u l-gżejjer, billi jippromwovi l-intraprenditorija, speċjalment l-intraprenditorija tan-nisa, u l-aċċess għat-taħriġ tekniku u l-finanzjament responsabbli. Il-programmazzjoni jenħtieġ li tqis, meta jkun possibbli, l-impatt tal-insularità u tal-iżolament ġeografiku fuq l-impjiegi, il-mobbiltà u l-aċċess għal servizzi essenzjali għan-nisa.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Huwa importanti li jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa li joperaw f'ambjenti fraġli u affettwati minn kunflitti permezz ta' simplifikazzjoni billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rapportar u jiġu żgurati kontrolli proporzjonati.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) F'kuntest globali fejn l-Unjoni qed tiffaċċja kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoekonomika għolja, ikkaratterizzata minn sfidi globali, li jvarjaw mit-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità għal tensjonijiet madwar riżorsi skarsi, dipendenzi teknoloġiċi***, pressjoni migratorja kontinwa*** jew tfixkil ekonomiku u kummerċjali, flimkien mat-theddidiet għas-sigurtà ***u l-fraġilità***, l-azzjoni esterna għandha tirreaġixxi kontinwament u malajr għall-ħtiġijiet emerġenti, kif ukoll taġixxi biex tavvanza prijoritajiet strateġiċi, sabiex issegwi b'mod effettiv il-prijoritajiet tal-Unjoni u tas-sħab tagħha. Sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux previsti u tadatta s-sħubijiet tagħha għal prijoritajiet emerġenti, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u r-Regolament (UE) 2021/947, jenħtieġ li jitħalla ammont mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(41) F'kuntest globali fejn l-Unjoni qed tiffaċċja kompetizzjoni ġeopolitika u ġeoekonomika għolja, ikkaratterizzata minn sfidi globali, li jvarjaw mit-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità għal tensjonijiet madwar riżorsi skarsi***, movimenti emerġenti kontra l-ġeneru definiti bħala movimenti li jfittxu li jimminaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala valur fundamentali tad-demokrazija, u rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa u retorika dejjem aktar misoġena u kontra l-LGBTIQ***+, dipendenzi teknoloġiċi jew tfixkil ekonomiku u kummerċjali, flimkien mat-theddidiet għas-sigurtà***, il-fraġilità u l-kriżi umanitarja, kif ukoll ir-rigress demokratiku, it-tnaqqis fil-finanzjament u l-oppożizzjoni għall-valuri fundamentali bħad-drittijiet tal-bniedem inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** l-azzjoni esterna għandha tirreaġixxi kontinwament u malajr għall-ħtiġijiet emerġenti, kif ukoll taġixxi biex tavvanza prijoritajiet strateġiċi, sabiex issegwi b'mod effettiv il-prijoritajiet tal-Unjoni u tas-sħab tagħha. Sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux previsti u tadatta s-sħubijiet tagħha għal prijoritajiet emerġenti, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u r-Regolament (UE) 2021/947, jenħtieġ li jitħalla ammont mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***F'dan il-kuntest, ir-rigressjoni globali kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-treġġigħ lura tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet jikkostitwixxu theddida għar-reżiljenza demokratika, għall-istabbiltà soċjali u għall-iżvilupp sostenibbli u jenħtieġ li tiġi indirizzata bħala parti mill-azzjoni esterna tal-Unjoni.***

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Jenħtieġ li l-kuntest ġenerali għall-azzjoni jkun l-insegwiment ta' ordni globali bbażata fuq ir-regoli u l-valuri, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qalba tagħha. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[21] (il-"Ftehim ta' Pariġi"), il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal[22] , l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp[23] u l-Patt għall-Futur[24] , hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet globali b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli. Jenħtieġ li l-Istrument jagħti attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu objettivi multipli b'mod koerenti.	(42) Jenħtieġ li l-kuntest ġenerali għall-azzjoni jkun l-insegwiment ta' ordni globali bbażata fuq ir-regoli u l-valuri, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u n-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-qalba tagħha. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[21] (il-"Ftehim ta' Pariġi"), il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal[22] , l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp[23] u l-Patt għall-Futur[24] , hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet globali b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli. Jenħtieġ li l-Istrument jagħti attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu objettivi multipli b'mod koerenti. ***F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet kollha appoġġati taħt l-Istrument jenħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", inkluż permezz tal-esklużjoni tal-appoġġ finanzjarju għal investimenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent.***
[21] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1–3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1841/oj).	[21] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1–3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1841/oj).
[22] "Il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal", adottat mill-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-	[22] "Il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal", adottat mill-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP 15) għall-

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) fid-19 ta' Diċembru 2022.

[23] "Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

[24] "Il-Patt għall-Futur", adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 ta' Settembru 2024 (A/RES/79/1).

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) fid-19 ta' Diċembru 2022.

[23] "Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp", adottata fis-16 ta' Ġunju 2015 u approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Lulju 2015 (A/RES/69/313).

[24] "Il-Patt għall-Futur", adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 ta' Settembru 2024 (A/RES/79/1).

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Jenħtieġ li l-Unjoni trawwem konsultazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u mas-soċjetà ċivili, kif ukoll tappoġġa l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli fil-livell lokali. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa wkoll ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, li fih dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod effettiv. Jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi appoġġ mill-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet lokali sabiex isegwu l-valuri, l-interessi u l-objettivi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti li tippermettilhom ***ikunu*** involuti b'mod adegwat.	(46) Jenħtieġ li l-Unjoni trawwem konsultazzjoni mill-qrib ***u sħubijiet sinifikattivi*** mal-awtoritajiet lokali u mas-soċjetà ċivili, kif ukoll tappoġġa l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli fil-livell lokali***, billi jiġi allokat baġit adegwat għal azzjonijiet li jistgħu jiġu programmati, iddedikati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa***. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa wkoll ambjent abilitanti ***u sigur*** għas-soċjetà ċivili, ***inkluż għall-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-LGBTIQ+ u għall-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità*** li fih dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod effettiv. Jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi appoġġ ***politiku u finanzjarju*** mill-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet lokali sabiex isegwu l-valuri, l-interessi u l-objettivi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għal

	informazzjoni rilevanti li tippermettilhom ***jinfurmaw il-prijoritajiet u jkunu*** involuti b'mod adegwat ***u sinifikattiv fl-istadji kollha ta' proċess ta' programm***.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) L-importanza li jingħata finanzjament taħt programm speċifiku lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiġġieldu l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, inklużi is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi u d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ hija enfasizzata u jenħtieġ li tiġi żgurata, b'mod speċjali meta tali organizzazzjonijiet jiffaċċjaw pressjoni politika, restrizzjonijiet legali, tnaqqis fil-finanzjament jew attakki.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***tal-emanċipazzjoni*** tan-nisa u tal-bniet ***u tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika*** u jenħtieġ li tfittex li tipproteġi ***u*** tippromwovi d-drittijiet tan-nisa f'konformità ***mal-Pjan*** Direzzjonali dwar id-Drittijiet tan-Nisa[26] , l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[27] , il-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-konvenzjonijiet internazzjonali,	(47) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***tad-drittijiet*** tan-nisa u tal-bniet u jenħtieġ li tfittex li tipproteġi**,** tippromwovi ***u tissodisfa*** d-drittijiet tan-nisa f'konformità ***mal-impenji internazzjonali, bħall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni u l-eżitu tal-konferenzi ta' rieżami, inklużi l-impenji dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, u r-***

inkluża l-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-vjolenza kontra n-nisa[28] . It-tisħiħ ***tal-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri u ***t-tisħiħ tal-pożizzjoni*** tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-Unjoni u ***ż-żieda fl-isforzi biex jintlaħqu l-istandards*** minimi ta' prestazzjoni indikati mill-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jenħtieġ li jwasslu għal approċċ trasformattiv u ***sensittiv għall-ġeneru*** fl-azzjoni esterna kollha tal-Unjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***t-tisħiħ tal-pożizzjoni*** tan-nisa u tal-bniet jiġu integrati taħt l-Istrument u jkunu riflessi b'mod adegwat fl-azzjonijiet kollha.

riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-riżoluzzjonijiet u l-impenji sussegwenti deskritti fil-Pjan Direzzjonali dwar id-Drittijiet tan-Nisa[26] , l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[27] , il-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri***, inkluż il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà***, il-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u l-konvenzjonijiet internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-vjolenza kontra n-nisa[28] . ***L-implimentazzjoni jenħtieġ li tipprevjeni u tiġġieled kull forma ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, inkluża vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti, u tindirizza u tipprevjeni diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali.*** It-tisħiħ ***ta' azzjonijiet immirati u integrati dwar l-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri u ***d-drittijiet*** tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-Unjoni u ***l-ilħuq tal-istandards*** minimi ta' prestazzjoni indikati mill-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri***, inkluži l-miri tal-infiq,*** jenħtieġ li jwasslu għal approċċ trasformattiv u ***reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru*** fl-azzjoni esterna kollha tal-Unjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali***, u dan huwa kritiku biex jinkisbu l-iżvilupp sostenibbli u l-paċi u s-sigurtà***. ***Dan l-approċċ jenħtieġ li jinkludi miżuri konkreti biex jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri billi tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, tiġi appoġġata l-intraprenditorija tan-nisa u l-aċċess għall-finanzjament, isir investiment fil-ħiliet u fl-impjiegi ta' kwalità, u jiġu promossi sistemi ta' paga ġusti, trasparenti u imparzjali bbażati fuq il-mertu.*** Jenħtieġ li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***d-drittijiet*** tan-nisa u tal-bniet jiġu integrati taħt l-Istrument u jkunu riflessi b'mod adegwat fl-azzjonijiet kollha***, b'miri ċari u eżiti li jistgħu jitkejlu***. ***Sabiex jiġi żgurat dan l-approċċ integrat u mmirat lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'dan l-Istrument, mill-inqas 85 % tal-ODA kollha tal-UE jenħtieġ li jiġu ddedikati***

	għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala wieħed mill-objettivi tagħhom (markatur tal-OECD G1 jew G2) b'20 % tal-ODA ddedikati għal proġetti mmirati lejn il-ġeneru (markatur tal-OECD G2). Mill-inqas 5 % tal-ODA għandhom jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa.
[26] Komunikazzjoni (COM/2025/97 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa.	[26] Komunikazzjoni (COM/2025/97 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa.
[27] Komunikazzjoni (COM/2020/152 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025.	[27] Komunikazzjoni (COM/2020/152 final) tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025.
[28] "Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika", (CETS Nru. 210) daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014, https://www.coe.int/en/web/conventions/full-list?module=treaty-detail&treatynum=210.	[28] "Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika", (CETS Nru. 210) daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014, https://www.coe.int/en/web/conventions/full-list?module=treaty-detail&treatynum=210.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Fl-implimentazzjoni ta' dan l-Istrument, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluż iż-żwieġ furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u t-traffikar tal-bnedmin.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa lit-tfal u liż-żgħażagħ bħala aġenti ewlenin tal-bidla, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom. Jenħtieġ li huwa jfittex li jipprevjeni u jiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, ***l-oriġini etnika***, ir-reliġjon u t-twemmin, id-diżabilità ***jew*** l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jippromwovi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità[29] .	(48) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa lit-tfal u liż-żgħażagħ bħala aġenti ewlenin tal-bidla, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari ***lid-drittijiet,*** lill-ħtiġijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom***, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal***. Jenħtieġ li huwa jfittex li jipprevjeni u jiġġieled id-diskriminazzjoni ***intersezzjonali, inkluża d-diskriminazzjoni*** bbażata fuq l-età, ***l-isfond etniku jew razzjali***, ir-reliġjon u t-twemmin, id-diżabilità***, il-ġeneru,*** l-orjentazzjoni sesswali***, l-identità, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess***. Jenħtieġ li jippromwovi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità[29].
[29] Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD, Convention on the Rights of Persons with Disabilities), daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 https://social.desa.un.org/issues/disability/crpd/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities-crpd#Fulltext.	[29] Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD, Convention on the Rights of Persons with Disabilities), daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 https://social.desa.un.org/issues/disability/crpd/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities-crpd#Fulltext.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) L-Istrument jenħtieġ li jiżgura kemm miżuri mmirati kif ukoll iddedikati biex jappoġġaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u li l-programmi ffinanzjati kollha jintegraw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità billi jippromwovu l-

	awtonomija ekonomika tagħhom, l-aċċess għall-impjiegi u l-parteċipazzjoni soċjali sħiħa permezz ta' miżuri proporzjonati, li jistgħu jiġu evalwati u orjentati lejn ir-riżultati. Jenħtieġ li l-proġetti jirrispettaw ukoll il-prinċipji tal-aċċessibbiltà u tad-disinn inklużiv li jiżguraw il-ġestjoni effiċjenti tal-fondi u jevitaw ostakli li jillimitaw l-impatt tal-investimenti. Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa wkoll azzjonijiet speċifiċi għall-prevenzjoni tal-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament tal-persuni b'diżabilità, speċjalment in-nisa u l-bniet, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet lokali akkreditati, u b'hekk isaħħaħ il-protezzjoni tagħhom u jiżgura li ebda programm iffinanzjat ma jħalli warajh lil dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kriżi planetarja tripla tal-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tat-tniġġis marret għall-agħar matul l-aħħar 10 snin u ma tistax tissolva mill-Unjoni waħedha, billi jappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istrument ikollu rwol essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali miftiehma b'mod multilaterali. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa lill-aktar pajjiżi vulnerabbli**,** b'mod partikolari ***lill-Istati*** gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u ***lill-pajjiżi*** l-inqas żviluppati.	(49) Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kriżi planetarja tripla tal-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tat-tniġġis marret għall-agħar matul l-aħħar 10 snin u ma tistax tissolva mill-Unjoni waħedha, billi jappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali, jenħtieġ li l-Istrument ikollu rwol essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali miftiehma b'mod multilaterali. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa lill-aktar pajjiżi vulnerabbli ***u lill-persuni l-aktar vulnerabbli affettwati billi tqis il-perspettiva tal-ġeneru*** b'mod partikolari ***fl-Istati*** gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u ***fil-pajjiżi*** l-inqas żviluppati.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 57a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(57a) Jenħtieġ li l-Unjoni tqis l-impatti tal-ġeneru u tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u soċjoekonomiku tal-komunitajiet lokali meta tindirizza l-kawżi ewlenin tal-ispostament furzat u tal-migrazzjoni irregolari u tiżgura li l-azzjonijiet u l-programmi rilevanti kollha jiġu implimentati b'rispett sħiħ tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Skont l-Istrument, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza d-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija[35] . Fejn rilevanti, jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri u l-prinċipji demokratiċi u l-appoġġ lill-atturi tas-soċjetà ċivili jkunu indipendenti mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi sħab ikkonċernati. Billi r-rispett għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effettiv tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-assistenza tista' tiġi sospiża fil-każ ta' degradazzjoni fid-demokrazija, fid-drittijiet tal-bniedem jew fl-istat tad-dritt f'pajjiżi terzi.	(59) Skont l-Istrument, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza d-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija[35]***. L-erożjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-treġġigħ lura tad-drittijiet tan-nisa jimminaw il-governanza demokratika u l-istat tad-dritt u jenħtieġ li jitqiesu bħala parti minn tali valutazzjoni.*** Fejn rilevanti, jenħtieġ li l-assistenza tal-Unjoni f'oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri u l-prinċipji demokratiċi u l-appoġġ lill-atturi tas-soċjetà ċivili jkunu indipendenti mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi sħab ikkonċernati. Billi r-rispett għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt huwa essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effettiv tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-assistenza tista' tiġi sospiża fil-każ ta' degradazzjoni fid-demokrazija, fid-drittijiet

tal-bniedem jew fl-istat tad-dritt f'pajjiżi terzi. ***Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni partikolari lill-ksur serju tad-drittijiet tan-nisa, inkluża l-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti u r-restrizzjonijiet severi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.***

[35] Komunikazzjoni Konġunta (JOIN/2020/5 final) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

[35] Komunikazzjoni Konġunta (JOIN/2020/5 final) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jilħqu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Meta tkun qed issir dik l-għażla, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu ta' ammonti f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet tal-operazzjoni rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 125(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tafda kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit skont l-Artikolu 62(1), il-punt (c) (viii), tar-Regolament (UE) 2024/2509 lill-Istitut tal-Unjoni għall-Istudji tas-Sigurtà u lill-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża biex jimplimentaw azzjonijiet skont l-Istrument.	(68) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jilħqu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità ***u l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni, u l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-prinċipji orizzontali stabbiliti fl-Artikolu 6(3) u fl-Artikolu 33(2), il-punti (e) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta").*** Meta tkun qed issir dik l-għażla, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu ta' ammonti f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet tal-operazzjoni rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 125(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tafda

	kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit skont l-Artikolu 62(1), il-punt (c) (viii), tar-Regolament (UE) 2024/2509 lill-Istitut tal-Unjoni għall-Istudji tas-Sigurtà u lill-Kulleġġ Ewropew tas-Sigurtà u d-Difiża biex jimplimentaw azzjonijiet skont l-Istrument.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(83) It-taħlit u l-garanziji baġitarji għandhom rwol ċentrali fl-istrateġija ta' investiment tal-Unjoni fil-pajjiżi sħab. Għalhekk, huwa xieraq li jitwaqqaf Bord tal-Investiment tal-Ewropa Globali biex jipprovdi gwida strateġika u operazzjonali lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tagħhom.	(83) It-taħlit u l-garanziji baġitarji għandhom rwol ċentrali fl-istrateġija ta' investiment tal-Unjoni fil-pajjiżi sħab. Għalhekk, huwa xieraq li jitwaqqaf Bord tal-Investiment tal-Ewropa Globali biex jipprovdi gwida strateġika u operazzjonali lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tagħhom. ***Fl-għoti ta' tali gwida, il-Bord jenħtieġ li jqis l-objettivi tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa.***

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(91) L-Istrument għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-	(91) L-Istrument għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, rispettivament***, u permezz ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-ibbaġitjar***

programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħrajn applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni, bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.	***b'outputs u b'indikaturi tar-riżultati***, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni***, inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-analiżi u l-valutazzjonijiet tal-ġeneru u l-pubblikazzjoni ta' rapport li jimmonitorja l-Istrument skont il-punteġġi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] u l-miri stabbiliti f'dan ir-Regolament***, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħrajn applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni, bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 92a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(92a) F'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-TFUE, l-Istrument, fl-attivitajiet kollha tiegħu, jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri jenħtieġ li tiġi integrata f'kull stadju tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar, u l-evalwazzjoni u l-awditjar taċ-ċiklu ta' finanzjament. Jenħtieġ li evalwazzjoni interim u finali tal-Istrument tevalwa l-impatti fuq il-ġeneri biex jiġi vvalutat il-punt sa fejn dan qed jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex jiġi vvalutat jekk huwiex qed ikollu impatti negattivi mhux intenzjonati fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Huwa importanti wkoll li l-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif għandhom iqisu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża informazzjoni dwar l-użu ta' għodod

	għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. Il-bilanċ bejn il-ġeneri jenħtieġ li jiġi żgurat meta jiġu kkonsultati l-esperti u l-partijiet ikkonċernati.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) ***il-ħtiġijiet tal-kriżijiet***, ***tal-paċi*** u ***tal-politika*** barranija***.***	(v) ***il-kriżijiet***, ***il-paċi, is-sigurtà*** u ***l-politika*** barranija***, inkluż għan-nisa u l-bniet;***

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja, sabiex isegwi l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikoli 3(5), 8 u 21 tat-TUE;	(a) li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja, sabiex isegwi l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikoli 3(5), 8 u 21 tat-TUE***, u 208 tat-TFUE u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tat-8 ta' Ġunju 2017 ("il-Kunsens")***; ***b'hekk jappoġġa t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar, jindirizza d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi, javvanza l-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà, jipproteġi, jippromwovi u jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet u t-tishiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jindirizza d-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri fost l-oħrajn permezz ta' appoġġ għall-SMEs u l-iżvilupp tal-ħiliet u riforma ekonomika, politiki li jippromwovu l-parteċipazzjoni f'impjiegi ta' kwalita u opportunitajiet indaqs u kundizzjonijiet ekwi għall-kompetittività, jipproteġi lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-aktar ċirkostanzi diffiċli u sitwazzjonijiet urġenti, jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili, jipproteġi lill-ambjent u jindirizza t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversita;***

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu u ta'	(b) li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu u ta'

ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-kisba tal-impenji u l-objettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet dwarhom, b'mod partikolari l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli***, l-Aġenda*** 2030, il-Ftehim ta' Pariġi ***u l-Qafas*** Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;	ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli***, bid-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu***, il-kisba tal-impenji u l-objettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet dwarhom, b'mod partikolari l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli ***fl-Aġenda*** 2030, il-Ftehim ta' Pariġi***, il-Qafas*** Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal***, id-Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom***;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jippromwovi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku aktar b'saħħithom ma' pajjiżi sħab, li jikkontribwixxu simultanjament għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi sħab u għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni.	(c) li jippromwovi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku aktar b'saħħithom ma' pajjiżi sħab***, inkluż appoġġ għar-rikostruzzjoni, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u, fejn applikabbli, riformi relatati mal-adeżjoni***, li jikkontribwixxu simultanjament għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi sħab u għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni għandha ***tagħmel ħilitha biex*** tiżgura l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli. Hija għandha tqis l-impatt tal-politiki interni u esterni kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli u għandha tippromwovi aktar sinerġiji u komplementarjetajiet, b'mod partikolari mal-kummerċ u l-investiment, il-	L-Unjoni għandha tiżgura l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp sostenibbli. Hija għandha tqis l-impatt tal-politiki interni u esterni kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli u għandha tippromwovi aktar sinerġiji u komplementarjetajiet, b'mod partikolari mal-kummerċ u l-investiment, il-

kooperazzjoni ekonomika u kooperazzjoni settorjali oħra.

kooperazzjoni ekonomika u kooperazzjoni settorjali oħra.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istrument jista' jikkontribwixxi għal azzjonijiet li huma stabbiliti u implimentati skont ir-Regolamenti (UE) [XXX] [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Orizzont Ewropa][48] , u (UE) [XXX] [il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa], meta dawk l-azzjonijiet ikunu konformi mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.	2. L-Istrument jista' jikkontribwixxi għal azzjonijiet li huma stabbiliti u implimentati skont ir-Regolamenti (UE) [XXX] [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Orizzont Ewropa], u (UE) [XXX] [il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa][48], meta dawk l-azzjonijiet ikunu konformi mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. ***Azzjonijiet bħal dawn għandhom jintegraw kunsiderazzjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħih tal-pożizzjoni u l-kompetittività ekonomika tan-nisa.***
[48] Ir-Regolament (UE) Nru [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034 li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 (ĠU L.., p.).	[48] Ir-Regolament (UE) Nru [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034 li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 (ĠU L.., p.).

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ammont ta' mhux inqas minn EUR 25 000 000 000 għandu jkun iddedikat b'mod irrevokabbli għall-għajnuna umanitarja skont dan ir-

	Regolament għad-durata tal-qafas finanzjarju. Dak l-ammont għandu jikkostitwixxi pakkett finanzjarju u linja bażi minimi u ma għandux jitnaqqas, jiġi riallokat, jew jintuża għal skopijiet oħra. Meta debitament ġustifikat minn żieda fi ħtiġijiet umanitarji jew kriżijiet mhux previsti, jistgħu jiġu mmobilizzati riżorsi addizzjonali permezz ta' azzjonijiet mhux programmabbli addizzjonali jew permezz tar-riżerva msemmija f'dan ir-Regolament.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mill-inqas ***90 %*** tan-nefqa taħt dan l-Istrument għandha tissodisfa l-kriterji għall-ODA (il-"mira tal-ODA"), u b'hekk tikkontribwixxi għall-impenji kollettivi tal-ODA, inkluż lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati. Jekk pajjiż sieħeb jitlef l-eliġibbiltà għall-ODA matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Istrument, in-nefqa impenjata favur dak il-pajjiż sieħeb wara t-telf tal-eliġibbiltà għandha tiġi eskluża mill-valutazzjoni tal-mira tal-ODA. In-nefqa msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi eskluża mill-valutazzjoni tal-mira tal-ODA.	5. Mill-inqas ***93 %*** tan-nefqa taħt dan l-Istrument għandha tissodisfa l-kriterji għall-ODA (il-"mira tal-ODA"), u b'hekk tikkontribwixxi għall-impenji kollettivi tal-ODA, inkluż lejn il-pajjiżi l-inqas żviluppati. Jekk pajjiż sieħeb jitlef l-eliġibbiltà għall-ODA matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Istrument, in-nefqa impenjata favur dak il-pajjiż sieħeb wara t-telf tal-eliġibbiltà għandha tiġi eskluża mill-valutazzjoni tal-mira tal-ODA. In-nefqa msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi eskluża mill-valutazzjoni tal-mira tal-ODA.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Mill-inqas 50 % tan-nefqa taħt l-Istrument għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-bniedem u għall-inklużjoni soċjali, inkluż l-aċċess għas-servizzi soċjali bażiċi ta' kwalità, is-servizzi tas-

	saħħa, l-edukazzjoni, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, in-nutrizzjoni, l-ilma u s-sanità u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għal dawk l-aktar emarġinati. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-mira tkun riflessa fl-ipprogrammar, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fir-rappurtar tal-azzjonijiet taħt l-Istrument.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Mill-inqas 50 % tan-nefqa taħt l-Istrument għandha tiġi allokata lill-pajjiżi l-inqas żviluppati u lil pajjiżi sħab oħra f'sitwazzjonijiet fraġli u affettwati minn kunflitti.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. Sabiex jiġi żgurat approċċ integrat u mmirat lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, minimu ta' 85 % tal-ODA tal-UE għandhom jiġu ddedikati għal programmi bl-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti (il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, markatur tal-ġeneru G1 jew G2), u minimu ta' 20 % tal-ODA tal-UE għandhom jiġu ddedikati għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettiv prinċipali (markatur tal-OECD G2). Minimu ta' 5 % tal-impenji annwali tal-ODA għandhom ikunu ddedikati biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa bħala benefiċjarji primarji. Il-

	Kummissjoni għandha tirrapporta kull tliet xhur lill-Parlament Ewropew dwar l-ilħuq ta' dawn il-miri, imqassma skont ir-reġjun ġeografiku u l-qasam tematiku, b'analiżi tal-varjanza u pjanijiet ta' azzjoni korrettiva jekk il-miri jkunu f'riskju li ma jintlaħqux.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5d. Mill-inqas 15 % tal-finanzjament programmabbli taħt l-Istrument għandhom ikunu delimitati għall-implimentazzjoni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-LGBTIQ+, filwaqt li jiġu żgurati riżorsi u spazju prevedibbli u ddedikati fl-azzjoni esterna tal-UE u l-OSĊ ikunu jistgħu jaġixxu bħala atturi indipendenti tal-iżvilupp.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi, kemm jekk naturali kif ukoll jekk ikkawżata mill-bniedem, kunflitti vjolenti u sitwazzjonijiet ta' wara kriżi, jew ta' pressjoni migratorja u spostament furzat;	(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi, kemm jekk naturali kif ukoll jekk ikkawżata mill-bniedem, kunflitti vjolenti u sitwazzjonijiet ta' wara kriżi, jew ta' pressjoni migratorja u spostament furzat***, inklużi sitwazzjonijiet li jinvolvu ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti***;

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha ***tinforma*** fid-dettall lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma timmobilizza l-fondi tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u, fejn xieraq, għandha tqis l-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-natura, l-objettivi u l-ammonti finanzjarji previsti.	2. Il-Kummissjoni għandha ***tikkonsulta*** fid-dettall lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma timmobilizza l-fondi tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u, fejn xieraq, għandha tqis l-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-natura, l-objettivi u l-ammonti finanzjarji previsti.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-politiki tal-Unjoni, kif stabbiliti fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, fil-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, fil-ftehimiet multilaterali li l-Unjoni hija parti fihom, u ftehimiet oħrajn li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-konklużjonijiet tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet tas-summits jew il-konklużjonijiet tal-laqgħat ma' pajjiżi sħab fil-livell tal-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern jew ministri, ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-komunikazzjonijiet konġunti mar-Rappreżentant Għoli għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument.	1. Il-politiki tal-Unjoni, kif stabbiliti fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, fil-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni, fil-ftehimiet multilaterali li l-Unjoni hija parti fihom, u ftehimiet oħrajn li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-konklużjonijiet tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet tas-summits jew il-konklużjonijiet tal-laqgħat ma' pajjiżi sħab fil-livell tal-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern jew ministri, ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-komunikazzjonijiet konġunti mar-Rappreżentant Għoli għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument ***f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2021-2027***.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Unjoni għandha tikkonċentra l-mezzi tagħha ***fejn jistgħu jagħmlu l-aktar impatt*** trasformattiv bil-ħsieb li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u tieħu ħsieb l-interessi strateġiċi tal-Unjoni.	1. L-Unjoni għandha tikkonċentra l-mezzi tagħha ***fuq l-impatt*** trasformattiv bil-ħsieb li tappoġġa l-iżvilupp***, il-paċi u s-sigurtà*** sostenibbli***, reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, nondiskriminatorji u inklużivi fil-pajjiżi sħab*** u tieħu ħsieb l-interessi strateġiċi tal-Unjoni***, inkluż għan-nisa u għall-bniet***.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni għandha tkompli tinvolvi ruħha f'kuntesti li jesperjenzaw livelli ***estremament*** għoljin ta' fraġilità, żoni ta' kunflitt u ambjenti kumplessi oħrajn.	L-Unjoni għandha tkompli tinvolvi ruħha f'kuntesti li jesperjenzaw livelli għoljin ta' fraġilità, żoni ta' kunflitt u ambjenti kumplessi oħrajn ***biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-fraġilità u tinvolvi ruħha b'mod inklużiv u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-proċessi ta' paċi, inklużi l-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni, il-medjazzjoni, l-istabbilizzazzjoni, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-isforzi ta' rikostruzzjoni billi jinqerdu l-forom kollha ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, tiġi promossa riforma tas-settur tas-sigurtà reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u jiġi żgurat aċċess sikur għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa tal-azzjonijiet tagħha mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE***.

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, wara kriżi jew fi fraġilità estrema, għandhom jitqiesu kif xieraq il-ħtiġijiet speċjali tal-popolazzjoni tal-pajjiżi sħab jew tar-reġjuni kkonċernati. Fejn pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu involuti direttament fi, jew affettwati minn, sitwazzjoni ta' kriżi, wara kriżi jew fraġilità estrema, għandha ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-appoġġ u tal-koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha biex jgħinu fit-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-iżvilupp sostenibbli u għall-paċi stabbli, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna umanitarja f'konformità mar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi.	F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, wara kriżi jew fi fraġilità estrema, għandhom jitqiesu kif xieraq il-ħtiġijiet speċjali tal-popolazzjoni tal-pajjiżi sħab jew tar-reġjuni kkonċernati. Fejn pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu involuti direttament fi, jew affettwati minn, sitwazzjoni ta' kriżi, wara kriżi jew fraġilità estrema, għandha ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-appoġġ u tal-koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha biex jgħinu fit-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għall-iżvilupp sostenibbli u għall-paċi stabbli, filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna umanitarja f'konformità mar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi ***tal-aġenda tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (Aġenda dwar id-WPS), inkluż l-investiment fl-isforzi għall-paċi fil-livell lokali minn nisa li jikkonsolidaw il-paċi***.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni għandha ***tfittex li*** tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali li fuqhom hija bbażata, notevolment permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab u mas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' azzjoni f'fora multilaterali.	3. L-Unjoni għandha ***taġixxi f'konformità ma' u*** tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett ***għad-dritt internazzjonali,*** għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali***, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** li fuqhom hija bbażata, notevolment permezz ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni sħab u mas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' azzjoni f'fora multilaterali. ***Għandha tingħata attenzjoni***

	partikolari lill-ġlieda kontra r-rigress demokratiku u r-rigressjoni fid-drittijiet tal-bniedem u fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tishih tar-reżiljenza demokratika billi tiġi miġġielda l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija, tingħata s-setgħa lill-media ħielsa u pluralistika, tiġi protetta s-sikurezza u l-indipendenza professjonali tal-ġurnalisti nisa u tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali, jiġu protetti n-nisa kollha minn vjolenza u fastidju online u offline bbażati fuq il-ġeneru, jiġi promoss l-involviment taċ-ċittadini u tal-attivisti, jiġu żgurati l-ġustizzja u l-integrità tal-proċessi elettorali u proċessi demokratiċi oħra, u billi jkun hemm involviment f'attivitajiet ta' diplomazija pubblika.

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-azzjonijiet taħt dan l-Istrument għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha***.*** ***Dak l-approċċ għandu jkun*** iggwidat mill-prinċipji ***li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura", tal-ugwaljanza, tan-nondiskriminazzjoni*** fuq kwalunkwe bażi, inkluż ***lejn*** persuni b'diżabilità.	4. L-azzjonijiet taħt dan l-Istrument għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha ***u jappoġġa lid-detenturi tad-drittijiet fit-talba tad-drittijiet tagħhom,*** iggwidat mill-prinċipji ***orizzontali tal-Artikolu 6(3) u tal-Artikolu 33(2), il-punti (e) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-Karta, filwaqt li jiżgura li l-azzjonijiet kollha jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni, id-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni*** fuq kwalunkwe bażi, inkluż ***abbażi tal-ġeneru, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, il-karatteristiċi tas-sess, l-identità, l-espressjoni tal-ġeneru, ir-reliġjon, jew l-appartenenza għal minoranza, u għandu jagħti attenzjoni partikolari lin-nisa u lill-bniet ta' kull età,*** persuni b'diżabilità***, u l-iżvilupp***

sostenibbli, kif ukoll il-prinċipju li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istrument għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***t-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet u jipprevjeni u jiġġieled il-vjolenza ***kontra n-nisa u l-vjolenza domestika***. ***Huwa*** għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lid-drittijiet tat-tfal u lill-protezzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ***taż-żgħażagħ***.	5. L-Istrument għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***d-drittijiet, it-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet u ***n-nondiskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, permezz ta' azzjonijiet immirati u integrati f'konformità mal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru. Huwa għandu wkoll*** jipprevjeni u jiġġieled il-vjolenza ***bbażata fuq il-ġeneru fil-forom kollha tagħha***. ***L-Istrument*** għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lid-drittijiet tat-tfal ***u taż-żgħażagħ*** u lill-protezzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ***tagħhom, u lill-persuni affettwati minn diskriminazzjoni intersezzjonali, speċjalment in-nisa u l-bniet, il-persuni LGBTIQ+ u l-persuni b'diżabilità***.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istrument għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing[49] tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u jibqa' impenjat għas-saħħa u d-drittijiet sesswali	6. L-Istrument għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing[49] tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u jibqa' impenjat għas-saħħa u d-drittijiet sesswali

u riproduttivi***, f'dan il-kuntest***. L-Istrument għandu jappoġġa wkoll l-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u ***riproduttiva*** tagħhom, u li jiddeċiedi b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkun ħieles minn diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza. Huwa għandu jappoġġa wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni, edukazzjoni, inkluża edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi, affordabbli u ta' kwalità.

u riproduttivi. L-Istrument għandu jappoġġa wkoll l-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa ***u d-drittijiet*** sesswali u ***riproduttivi*** tagħhom, u li jiddeċiedi b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkun ħieles minn diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza. Huwa għandu jappoġġa wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni, edukazzjoni, inkluża edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa komprensivi, affordabbli u ta' kwalità ***dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***.

---

[49] Dikjarazzjoni u Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing https://www.unwomen.org/sites/default/files/Headquarters/Attachments/Sections/CSW/PFA_E_Final_WEB.pdf.

[49] Dikjarazzjoni u Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing https://www.unwomen.org/sites/default/files/Headquarters/Attachments/Sections/CSW/PFA_E_Final_WEB.pdf.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva***, fejn xieraq***, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti li tippermettilhom li jkollhom rwol sinifikanti matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi ta' monitoraġġ assoċjati tal-programmi u l-azzjonijiet taħt l-Istrument.	9. F'konformità mal-prinċipju ta' sħubija inklużiva, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u l-LGBTIQ+*** u l-awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti li tippermettilhom li jkollhom rwol sinifikanti matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi ta' monitoraġġ assoċjati tal-programmi u l-azzjonijiet taħt l-Istrument.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni għandha ***tiskambja*** informazzjoni fuq bażi regolari mas-soċjetà ċivili fl-Unjoni.	10. Il-Kummissjoni għandha ***tinvolvi ruħha b'mod sinifikattiv permezz ta' djalogu u skambju ta'*** informazzjoni ***msaħħa*** fuq bażi regolari mas-soċjetà ċivili fl-Unjoni. ***Għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni lil dawn l-organizzazzjonijiet sal-massimu possibbli.***

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-programmi u l-azzjonijiet taħt l-Istrument għandhom jintegraw il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent ***u l-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]. Dawk il-prijoritajiet għandhom jitqiesu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt l-Istrument, bil-għan li jinħolqu kobenefiċċji u jintlaħqu diversi objettivi b'mod koerenti.	Il-programmi u l-azzjonijiet taħt l-Istrument għandhom jintegraw il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent***, il-promozzjoni tal-ugwaljanza*** bejn il-ġeneri, ***id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità,*** f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) [XXX] [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]. Dawk il-prijoritajiet għandhom jitqiesu fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt l-Istrument, bil-għan li jinħolqu kobenefiċċji

	u jintlaħqu diversi objettivi b'mod koerenti. ***Sabiex jiġi żgurat approċċ integrat u mmirat lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri taħt l-Istrument, hija meħtieġa analiżi tal-ġeneru biex jiġu infurmati programmi u interventi, inklużi programmi indikattivi pluriennali. Sabiex jiġi żgurat li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata sistematikament fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni sabiex tinkiseb l-ugwaljanza fil-prattika f'konformità mat-Trattati, u li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-ibbaġitjar issir komponent integrali tal-QFP, il-programmi u l-interventi kollha skont dan ir-Regolament, inklużi l-programmi indikattivi pluriennali, għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri permezz tal-inklużjoni ta' impenn ċar u vinkolanti fil-passi kollha tal-programmazzjoni, jiġifieri fil-partijiet tat-tfassil, tal-implimentazzjoni u tal-kontroll taċ-ċiklu baġitarju.***

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw konsultazzjonijiet f'waqthom u skambji frekwenti ta' informazzjoni ma' xulxin matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' implimentazzjoni, li għandhom jagħmlu ħilithom biex jidentifikaw, jiddiskutu u jimplimentaw l-azzjonijiet b'mod konġunt, inkluż f'termini ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà.	2. Il-Kummissjoni***, il-Parlament Ewropew*** u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw konsultazzjonijiet f'waqthom u skambji frekwenti ta' informazzjoni ma' xulxin matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' implimentazzjoni, li għandhom jagħmlu ħilithom biex jidentifikaw, jiddiskutu u jimplimentaw l-azzjonijiet b'mod konġunt, inkluż f'termini ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà.

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-azzjonijiet kollha għandhom jiġu implimentati b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III, u f'konformità mal-prinċipji tal-Unjoni li jiggwidaw l-azzjoni esterna tagħha u f'konformità mal-Artikolu 21 tat-TUE.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-Kummissjoni għandha ssib bilanċ ġust fost l-objettivi ta' finanzjament u toħroġ rapport annwali lill-Parlament Ewropew li jispjega fid-dettall l-ammonti totali speċifiċi għal kull wieħed minnhom.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-assistenza taħt programmi indikattivi pluriennali multinazzjonali, reġjonali jew transreġjonali għandha tiġi pprovduta indipendentement mill-kunsens tal-gvern u ta' awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiżi terzi kkonċernati fejn dawk il-programmi jkopru l-pilastri kollha għal:
	(i) l-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

(ii) l-appoġġ għas-soċjetà ċivili indipendenti u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-atturi tagħha f'pajjiżi sħab;

(iii) il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti;

(iv) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa inklużi d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta donaturi u atturi oħrajn, inklużi l-awtoritajiet lokali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u s-settur privat***, *fejn rilevanti***.	Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lil*** donaturi u atturi oħrajn, inklużi l-awtoritajiet lokali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u s-settur privat ***fil-programmazzjoni u r-riprogrammazzjoni***.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta tfassal id-dokumenti ta' programmazzjoni għall-pajjiżi u r-reġjuni sħab f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-vulnerabbiltà li tapplika approċċ ta' sensittività għall-kunflitti li jqis il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċjali tal-pajjiżi jew ir-reġjuni sħab ikkonċernati u tal-popolazzjoni tagħhom, b'attenzjoni partikolari lin-nisa, lit-tfal u lill-persuni emarġinati; meta pajjiżi jew reġjuni sħab ikunu involuti direttament f'sitwazzjoni ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, jew affettwati minnha, għandha ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ

	tal-koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha biex jgħinu fit-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għal żvilupp sostenibbli u paċi stabbli, inkluż billi jiġi promoss rispons sensittiv għall-ġeneru, filwaqt li tingħata prijorità lill-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza, u tiġi promossa l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, sa fejn ikun possibbli, fuq djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u bl-involviment tas-soċjetà ċivili;	(a) l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, sa fejn ikun possibbli, fuq djalogu bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali***, speċjalment il-komunitajiet indiġeni***, u bl-involviment tas-soċjetà ċivili***, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet ta' bażi u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet LGTBIQ+***;

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-prijoritajiet tal-pajjiżi u r-reġjuni sħab, stabbiliti abbażi tad-djalogu msemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu wkoll l-istrateġija u l-pjan nazzjonali jew reġjonali;	(a) il-prijoritajiet tal-pajjiżi u r-reġjuni sħab, stabbiliti abbażi tad-djalogu msemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu wkoll l-istrateġija u l-pjan nazzjonali jew reġjonali***, u l-prijoritajiet tas-soċjetà ċivili***;

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kapaċità u l-impenn tal-pajjiżi u r-reġjuni sħab biex jippromwovu valuri u prinċipji kondiviżi, u biex jappoġġaw alleanzi multilaterali u sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli;	(d) il-kapaċità u l-impenn tal-pajjiżi u r-reġjuni sħab biex jippromwovu valuri u prinċipji kondiviżi, ***l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u biex jappoġġaw alleanzi multilaterali u sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli;

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-programmi indikattivi pluriennali jistgħu jiġu rieżaminati fuq bażi ad hoc kif meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostantivi fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 8 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew wara kriżi.	2. Il-programmi indikattivi pluriennali jistgħu jiġu rieżaminati fuq bażi ad hoc kif meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostantivi fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 8 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew wara kriżi***, dejjem f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill***.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, bħal kriżijiet jew theddid immedjat għall-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni ***tista'*** temenda l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 15 u 16 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni immedjatament applikabbli adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 32(5).	3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, bħal kriżijiet jew theddid immedjat għall-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni ***għandha*** temenda l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 15 u 16 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni immedjatament applikabbli adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 32(5). ***Din għandha tikkonsulta lill-Parlament***

Ewropew u lill-Kunsill dwar emendi bħal dawn.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom ***iqisu*** l-kuntest speċifiku u għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet ewlenin, il-metodi ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ possibbli.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom ***jiżguraw perspettiva tal-ġeneru permezz tal-implimentazzjoni tal-analiżi tal-ġeneru u jqisu*** l-kuntest speċifiku u għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet ewlenin, il-metodi ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ possibbli.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet ta' kriżi u kunflitt fit-tul, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali ta' durata sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jiġu adottati miżuri ulterjuri fejn il-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħrajn.	F'każijiet ta' kriżi u kunflitt fit-tul, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' assistenza eċċezzjonali ta' durata sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jiġu adottati miżuri ulterjuri fejn il-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurata b'mezzi oħrajn. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati dwar miżuri bħal dawn.***

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Soġġett għall-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotja u ta' għoti ta' premjijiet għandha tkun miftuħa wkoll għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.	4. Soġġett għall-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotja u ta' għoti ta' premjijiet għandha tkun miftuħa wkoll għall-organizzazzjonijiet internazzjonali ***u għall-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili***.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Attivitajiet eskluży	***Konformità u monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem***

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-finanzjament tal-Unjoni taħt l-Istrument ***ma għandux jappoġġa*** azzjonijiet jew miżuri li jistgħu jirriżultaw fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi sħab.	Il-finanzjament tal-Unjoni taħt l-Istrument ***għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-obbligu tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għandu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda appoġġ għal*** azzjonijiet jew miżuri li jistgħu jirriżultaw fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem***, inkluży d-drittijiet tan-nisa u LGBTIQ+*** f'pajjiżi sħab***, f'konformità mal-Artikolu 21 tat-TUE***.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu dedikat, sod u indipendenti bil-fini li tiġi mmonitorjata l-konformità mal-Artikolu 21(1) tat-TUE, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-LGBTIQ+.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Mekkaniżmu għandu jissottometti rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll rapporti speċifiċi għall-pajjiż, meta jintalab jagħmel dan. Il-Mekkaniżmu għandu jidħol fi djalogu biannwali mal-Parlament Ewropew.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Mekkaniżmu għandu jkollu l-awtorità li jipproponi sospensjoni tal-attivitajiet f'każ li l-attivitajiet iffinanzjati direttament jew indirettament mill-UE jikkontribwixxu għal ksur tal-obbligi skont l-Artikolu 21(1). Dan għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar proposta bħal din.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) għotjiet ta' valur baxx lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jiffinanzjaw azzjonijiet u ħtiġijiet ta' protezzjoni urġenti, inkluż permezz ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju, kif ukoll lil medjaturi u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, riżoluzzjoni ta' kunflitti, rikonċiljazzjoni u konsolidazzjoni tal-paċi, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament;	(a) għotjiet ta' valur baxx lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, inklużi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet LGBTIQ+,*** biex jiffinanzjaw azzjonijiet u ħtiġijiet ta' protezzjoni urġenti, inkluż permezz ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju, kif ukoll lil medjaturi u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, riżoluzzjoni ta' kunflitti, rikonċiljazzjoni u konsolidazzjoni tal-paċi, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament;

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għotjiet, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, biex jiffinanzjaw azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti ma tkunx xierqa, inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, inklużi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, theddid għall-istituzzjonijiet demokratiċi, eskalazzjoni ta' kriżi jew kunflitt armat, fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, medjaturi u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, rikonċiljazzjoni u konsolidazzjoni tal-paċi joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli; tali għotjiet ma għandhomx jaqbżu l-EUR 1 000 000 u d-durata tagħhom ma għandhiex tkun ta' aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ulterjuri fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti għall-implementazzjoni tagħhom;	(b) għotjiet, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, biex jiffinanzjaw azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti ma tkunx xierqa, inklużi sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, inklużi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, theddid għall-istituzzjonijiet demokratiċi, eskalazzjoni ta' kriżi jew kunflitt armat, fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, medjaturi u atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u kunflitt armat, rikonċiljazzjoni u konsolidazzjoni tal-paċi***, b'attenzjoni speċifika lill-atturi nisa,*** joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli; tali għotjiet ma għandhomx jaqbżu l-EUR 1 000 000 u d-durata tagħhom ma għandhiex tkun ta' aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ulterjuri fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti għall-implementazzjoni tagħhom;

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'oqsma relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-appoġġ lill-atturi tas-soċjetà ċivili, l-Unjoni tista' tipprovdi assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn tal-pajjiżi sħab ikkonċernati; dawk l-azzjonijiet għandhom jappoġġaw prinċipalment lill-atturi tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jqisu l-forom u l-metodi ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	5. F'oqsma relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-appoġġ lill-atturi tas-soċjetà ċivili, l-Unjoni tista' tipprovdi assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn tal-pajjiżi sħab ikkonċernati; dawk l-azzjonijiet għandhom jappoġġaw prinċipalment lill-atturi tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jqisu l-forom u l-metodi ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. ***L-Istrument għandu jipprovdi l-possibbiltà li jintużaw skemi ta' għoti mill-ġdid u mekkaniżmi umbrella biex il-finanzjament jiġi dirett lejn atturi ewlenin u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' bażi, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ+, filwaqt li jinżammu r-responsabbiltà u s-sorveljanza proporzjonata.***

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-appoġġ bażitarju, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni tar-riforma settorjali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, ir-responsabbiltà reċiproka u l-impenn ta' pajjiżi sħab, filwaqt li ***jitqiesu r-rekord u l-progress*** tagħhom ***fir-rigward*** tal-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Huwa għandu jinkludi djalogu ta' politika msaħħaħ, bini tal-kapaċitajiet u governanza mtejba, li	L-appoġġ bażitarju, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni tar-riforma settorjali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, ir-responsabbiltà reċiproka u l-impenn ta' pajjiżi sħab, filwaqt li ***jitqies ir-rispett*** tagħhom tal-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem***, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u l-istat tad-dritt, u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Huwa għandu jinkludi djalogu ta' politika msaħħaħ, bini tal-kapaċitajiet u governanza

jikkomplementaw l-isforzi tas-sħab biex jiġbru aktar u biex jonfqu aħjar sabiex jappoġġaw tkabbir sostenibbli u inklużiv, u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, inkluż għall-qerda tal-faqar fost iż-żgħażagħ, it-tnaqqis tal-inugwaljanza, u biex jibnu u jikkonsolidaw id-demokraziji u s-soċjetajiet paċifiċi. L-appoġġ baġitarju għandu jikkontribwixxi wkoll għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

mtejba, li jikkomplementaw l-isforzi tas-sħab biex jiġbru aktar u biex jonfqu aħjar sabiex jappoġġaw tkabbir sostenibbli u inklużiv, u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, inkluż għall-qerda tal-faqar fost iż-żgħażagħ, it-tnaqqis tal-inugwaljanza, u biex jibnu u jikkonsolidaw id-demokraziji u s-soċjetajiet paċifiċi. L-appoġġ baġitarju għandu jikkontribwixxi wkoll għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-garanzija baġitarja għandha tintuża biex tiggarantixxi l-operazzjonijiet sovrani, subsovrani u privati tal-kontropartijiet.	1. Il-garanzija baġitarja għandha tintuża biex tiggarantixxi l-operazzjonijiet sovrani, subsovrani u privati tal-kontropartijiet. ***Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala sħab tal-implimentazzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi sodi biex jiġi żgurat li l-interessi tal-UE jkunu qed jiġu prijoritizzati meta ssir kooperazzjoni ma' atturi privati bħala sħab ta' implimentazzjoni.***

Emenda 89

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) It-tisħiħ tal-elementi fundamentali tal-proċess tat-tkabbir f'konformità mal-qafas tal-politika tat-tkabbir, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-kriterji ekonomiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, ġudikatura indipendenti u effiċjenti, id-drittijiet fundamentali, l-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll	(b) It-tisħiħ tal-elementi fundamentali tal-proċess tat-tkabbir f'konformità mal-qafas tal-politika tat-tkabbir, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-kriterji ekonomiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, ġudikatura indipendenti u effiċjenti, id-drittijiet fundamentali***, id-drittijiet tan-nisa inklużi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tat-***

finanzjarju, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà;	***tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-implimentazzjoni effettiva tal-istat tad-dritt***, l-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà;

Emenda 90

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) L-aċċellerazzjoni tal-konverġenza soċjoekonomika u regolatorja tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali mal-Unjoni u t-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomiji li kapaċi jifilħu għall-pressjonijiet kompetittivi tas-suq uniku tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-flussi tal-kummerċ u tal-investiment, u ktajjen tal-valur reżiljenti u sostenibbli li jipprovdu impjiegi deċenti, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u tal-IA;	(e) L-aċċellerazzjoni tal-konverġenza soċjoekonomika u regolatorja tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali mal-Unjoni u t-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomiji li kapaċi jifilħu għall-pressjonijiet kompetittivi tas-suq uniku tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-flussi tal-kummerċ u tal-investiment, u ktajjen tal-valur reżiljenti u sostenibbli li jipprovdu impjiegi deċenti, ***inkluż billi tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, titnaqqas id-differenza fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri u jiġu promossi l-intraprenditorija*** u t-tranżizzjoni ***tan-nisa*** lejn ekonomija diġitali u tal-IA ***ugwali bejn il-ġeneri***;

Emenda 91

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) It-tisħiħ tal-istat tad-dritt, ***inklużi l-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u l-prevenzjoni tagħha, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż permezz tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet ***u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-***	(c) It-tisħiħ tal-istat tad-dritt, ***il-ġlieda*** kontra l-korruzzjoni u l-prevenzjoni tagħha, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż permezz tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***intersezzjonali*** u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet***, u l-eliminazzjoni tal-vjolenza***

vjolenza domestika. L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tal-aċċessibbiltà, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u l-kontribut għat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istabbiltà politika;

sesswali u bbażata fuq il-ġeneru fil-forom kollha tagħha, u l-iżgurar tal-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inklużi kontraċezzjoni affordabbli, abort bla ħlas, sikur u legali, u l-kura tas-saħħa materna. L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tal-aċċessibbiltà, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u l-kontribut għat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istabbiltà politika;

Emenda 92

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-appoġġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha ta' proċess ta' paċi, u fl-istituzzjonijiet u l-proċessi kollha tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-istabbiliment tal-paċi, tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-proċessi ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara l-kunflitt;

Emenda 93

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) L-iżvilupp tal-ekonomija u tas-soċjetà diġitali b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għat-tnedija ta' infrastruttura diġitali sigura u affidabbli, l-iżvilupp tal-ekonomiji tad-data u tal-IA permezz ta' appoġġ għat-twaqqif ta' Fabbriki tal-IA u t-tiswir tal-IA biex jiġu rrispettati l-valuri demokratiċi u ***tiġi protetta*** d-diversità	(m) L-iżvilupp tal-ekonomija u tas-soċjetà diġitali b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għat-tnedija ta' infrastruttura diġitali sigura u affidabbli, l-iżvilupp tal-ekonomiji tad-data u tal-IA permezz ta' appoġġ għat-twaqqif ta' Fabbriki tal-IA u t-tiswir tal-IA biex jiġu rrispettati l-valuri demokratiċi u ***d-drittijiet tan-nisa u jiġu***

kulturali, il-promozzjoni ta' Infrastruttura Pubblika Diġitali u soluzzjonijiet ta' governanza elettronika rilevanti, bħall-oqfsa tal-identità diġitali li jippreservaw il-privatezza, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża;

protetti l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità kulturali, il-promozzjoni ta' Infrastruttura Pubblika Diġitali u soluzzjonijiet ta' governanza elettronika rilevanti, bħall-oqfsa tal-identità diġitali li jippreservaw il-privatezza, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża;

Emenda 94

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 2 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) It-tisħiħ tal-iżvilupp u l-inklużjoni ekonomiċi u soċjali, b'attenzjoni partikolari għan-nisa, it-tfal ***u ż-żgħażagħ***, inkluż permezz tal-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ, l-appoġġ għall-komunitajiet vulnerabbli, il-promozzjoni tal-ugwaljanza, l-inklużjoni kulturali, l-edukazzjoni ta' kwalità, it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, u l-appoġġ għall-politiki tal-impjiegi, id-drittijiet tax-xogħol u s-sistemi effettivi ta' protezzjoni soċjali;	(p) It-tisħiħ tal-iżvilupp u l-inklużjoni ekonomiċi u soċjali, b'attenzjoni partikolari għan-nisa, it-tfal***, iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità, u dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali***, inkluż permezz tal-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ, l-appoġġ għall-komunitajiet vulnerabbli, il-promozzjoni ***tan-nondiskriminazzjoni u*** tal-ugwaljanza***, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, l-inklużjoni kulturali, l-edukazzjoni ta' kwalità, it-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, u l-appoġġ għall-politiki tal-impjiegi, id-drittijiet tax-xogħol u s-sistemi effettivi ta' protezzjoni soċjali;

Emenda 95

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 2 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) L-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi, l-appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-pluraliżmu, l-indipendenza u l-professjonaliżmu ta' media ħielsa u	(s) L-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi, l-appoġġ għall-ħolqien ta' ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, inklużi l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u l-organizzazzjonijiet li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa***, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-

indipendenti, kif ukoll it-tisħiħ tal-litteriżmu diġitali u tal-media;	pluraliżmu, l-indipendenza u l-professjonaliżmu ta' media ħielsa u indipendenti, kif ukoll it-tisħiħ tal-litteriżmu diġitali u tal-media;

Emenda 96

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-appoġġ għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, f'konformità mal-mogħdija tal-adeżjoni tagħha, billi jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi, tas-sigurtà u ambjentali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u l-kontribut għall-bini mill-ġdid ta' infrastruttura vitali, inklużi l-enerġija, it-trasport u l-infrastruttura diġitali, u b'hekk jingħata kontribut għall-koeżjoni soċjali, għar-reżiljenza u għall-irkupru wara l-gwerra ta' soċjetà Ukrena ħielsa u kulturalment vibranti, inkluż billi jingħata appoġġ lill-kultura u l-wirt kulturali u billi jinħolqu l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi sabiex persuni spostati internament u persuni taħt protezzjoni temporanja jerġgħu lura lejn l-Ukrajna ladarba l-kundizzjonijiet jippermettu dan, u billi tiġi integrata mill-ġdid il-popolazzjoni veterana.	(b) L-appoġġ għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, f'konformità mal-mogħdija tal-adeżjoni tagħha, billi jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi, tas-sigurtà u ambjentali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna***, kif ukoll il-konsegwenzi tal-inugwaljanza,*** u l-kontribut għall-bini mill-ġdid ta' infrastruttura vitali***, inkluż l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***, inklużi l-enerġija, it-trasport u l-infrastruttura diġitali***, u t-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa billi jiġu aċċellerati riformi u istituzzjonijiet reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jallinjaw mar-rekwiżiti tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri***, u b'hekk jingħata kontribut għall-koeżjoni soċjali, għar-reżiljenza u għall-irkupru wara l-gwerra ta' soċjetà Ukrena ħielsa u kulturalment vibranti, inkluż billi jingħata appoġġ lill-kultura u l-wirt kulturali u billi jinħolqu l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi sabiex persuni spostati internament u persuni taħt protezzjoni temporanja jerġgħu lura lejn l-Ukrajna ladarba l-kundizzjonijiet jippermettu dan, u billi tiġi integrata mill-ġdid il-popolazzjoni veterana.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Anness II.A – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-appoġġ għall-isforzi ta' responsabbiltà fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluża l-assistenza għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali mwettqa fl-Ukrajna u ***kontriha***, b'mod partikolari b'rabta mar-reat ta' aggressjoni, u mal-mekkaniżmi tranżizzjonali tal-ġustizzja u r-responsabbiltà, inkluż it-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna.	(c) L-appoġġ għall-isforzi ta' responsabbiltà fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluża l-assistenza għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali mwettqa fl-Ukrajna u ***kontra l-Ukreni, inkluża l-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti***, b'mod partikolari b'rabta mar-reat ta' aggressjoni, u mal-mekkaniżmi tranżizzjonali tal-ġustizzja u r-responsabbiltà, inkluż it-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(***aa) L-appoġġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha ta' proċess ta' paċi, u fl-istituzzjonijiet u l-proċessi kollha tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-istabbiliment tal-paċi, tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-proċessi ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni wara l-kunflitt;***

Emenda 99

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-appoġġ għas-sigurtà f'oqsma ta' interess komuni, bħas-sigurtà tas-saħħa, is-sigurtà marittima, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà ċibernetika u l-bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi;	(d) L-appoġġ għas-sigurtà f'oqsma ta' interess komuni, bħas-sigurtà tas-saħħa ***inkluż l-aċċess sikur għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***, is-sigurtà marittima, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-ġlieda kontra t-terroriżmu,

	is-sigurtà ċibernetika u l-bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi;

Emenda 100

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-governanza tajba, tal-iżvilupp tal-bniedem u tar-relazzjonijiet bejn il-persuni	(3) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem***, tad-drittijiet tan-nisa***, tal-governanza tajba***, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, tal-iżvilupp tal-bniedem u tar-relazzjonijiet bejn il-persuni

Emenda 101

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***Is-salvagwardja*** tal-ispazju għas-soċjetà ċivili, għall-atturi ċivili u mhux statali u għall-media indipendenti; l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni ***u*** l-interferenza ta' informazzjoni barranija***, l-appoġġ għall-kapaċitajiet lokali u reġjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem***;	(b) ***It-tishiħ u s-salvagwardja*** tal-ispazju għas-soċjetà ċivili, għall-atturi ċivili u mhux statali u għall-media indipendenti***, il-protezzjoni tas-sikurezza u tal-indipendenza professjonali tal-ġurnalisti u l-iżgurar tal-parteċipazzjoni ugwali tal-ġurnalisti nisa, il-protezzjoni tal-ġurnalisti nisa minn vjolenza u fastidju online u offline bbażati fuq il-ġeneru***; l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni***,*** l-interferenza***, u d-diżinformazzjoni mmirata dwar il-ġeneru*** ta' informazzjoni barranija***, kif definit hawn fuq***;

Emenda 102

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(ba) L-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet ta' bażi tal-ġeneru u tal-LGBTIQ+, u għall-kapaċitajiet lokali u reġjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 103

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) L-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa bħala xprunaturi ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli, u t-tnaqqis tal-faqar u l-paċi u s-sigurtà;

Emenda 104

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità ***u l-ġlieda*** kontra t-tħaddim tat-tfal u ***d-diskriminazzjoni*** fuq kwalunkwe bażi;	(c) Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ***tad-drittijiet tan-nisa,*** tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***, tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità***, tal-persuni minn sfondi razzjali u etniċi sottorappreżentati, tal-persuni LGBTIQ+, u tal-popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP); il-ġlieda*** kontra t-tħaddim tat-tfal u ***l-forom kollha ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, id-diskriminazzjoni*** fuq kwalunkwe bażi ***u fil-forom kollha tagħha, inklużi dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali u l-promozzjoni tal-***

	prinċipju tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni;

Emenda 105

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) It-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali u tad-dritt umanitarju, b'attenzjoni speċifika lill-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli;

Emenda 106

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) It-tisħiħ tal-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-aċċess għall-prodotti tas-saħħa u għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; it-trawwim ta' kopertura tas-saħħa universali;	(d) It-tisħiħ tal-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-aċċess għall-prodotti tas-saħħa***, inkluż l-aċċess sikur għas-servizzi u għall-prodotti bażiċi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi*** u għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; it-trawwim ta' kopertura tas-saħħa universali;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Anness II.B – punt 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) L-avvanz tat-tranżizzjoni diġitali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet tas-soċjetà u ekonomiċi kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. L-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli biex isostnu l-iżviluppi futuri ta' setturi ekonomiċi u kritiċi ewlenin. L-iżvilupp ta'	(e) L-avvanz tat-tranżizzjoni diġitali ***b'mod inklużiv*** biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet tas-soċjetà u ekonomiċi kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. L-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli biex isostnu l-iżviluppi futuri ta' setturi ekonomiċi u

ekonomiji tad-data u tal-IA, inkluż billi jiġu appoġġati l-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-IA. L-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali u biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużivi u siguri.	kritiċi ewlenin. L-iżvilupp ta' ekonomiji tad-data u tal-IA, inkluż billi jiġu appoġġati l-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-IA. L-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali***, inkluż biex jitnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri*** u biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużivi u siguri.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għal infrastruttura u konnettività sostenibbli, sikuri, siguri u reżiljenti, inkluż it-tisħiħ tat-trasport sostenibbli u sikur bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u marittimu, u l-promozzjoni ta' mobbiltà intelliġenti, inklużiva u sostenibbli, u l-użu ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli;	(a) L-appoġġ għal infrastruttura u konnettività sostenibbli, sikuri, siguri***, inklużivi*** u reżiljenti, inkluż it-tisħiħ tat-trasport sostenibbli u sikur bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u marittimu, u l-promozzjoni ta' mobbiltà intelliġenti, inklużiva u sostenibbli, u l-użu ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli;

Emenda 109

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) It-tisħiħ tal-ekonomija diġitali u spazjali, l-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali, l-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli, il-promozzjoni ta' governanza diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi moderni ta' ġestjoni u protezzjoni tad-data għal flussi sikuri tad-data, l-iżvilupp ta' ekonomiji tad-data u tal-IA, inkluż billi jiġu appoġġati ekosistemi tal-innovazzjoni tal-IA; l-appoġġ għaċ-ċibersigurtà u l-bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi;	(b) It-tisħiħ tal-ekonomija diġitali u spazjali, l-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali ***inkluż biex jitnaqqas id-distakk bejn il-ġeneri biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużivi u siguri***, l-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli, il-promozzjoni ta' governanza diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi moderni ta' ġestjoni u protezzjoni tad-data għal flussi sikuri tad-data, l-iżvilupp ta' ekonomiji tad-data u tal-IA, inkluż billi jiġu appoġġati ekosistemi tal-innovazzjoni

	tal-IA; l-appoġġ għaċ-ċibersigurtà u l-bini tal-kapaċitajiet ċibernetiċi;

Emenda 110

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) It-trawwim tal-iżvilupp tal-ħiliet u ta' impjiegi deċenti, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni;	(h) It-trawwim tal-iżvilupp tal-ħiliet u ta' impjiegi deċenti, ***li jelimina d-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri*** kif ukoll ***irawwem*** ir-riċerka u l-innovazzjoni;

Emenda 111

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju, b'attenzjoni partikolari għall-aktar pajjiżi vulnerabbli, bħall-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw;	(a) L-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija għad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju, b'attenzjoni partikolari għall-aktar pajjiżi vulnerabbli, bħall-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw ***u filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa kollha u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli***;

Emenda 112

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri	(4) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem***, id-drittijiet tan-nisa*** u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Emenda 113

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni, għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u għall-prodotti tas-saħħa u l-kwalità mtejba tagħhom, u l-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, u l-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi tal-provvista tal-ilma, sanità u servizzi tal-iskart reżiljenti għall-klima u sikuri;	(a) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni ***għal kulħadd, inkluż it-titjib tal-aċċess tal-bniet għall-edukazzjoni***, għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u għall-prodotti tas-saħħa u l-kwalità mtejba tagħhom ***billi jissaħħu s-sistemi tas-servizzi pubbliċi u atturi oħra, l-appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, il-kisba ta' kopertura tas-saħħa universali u l-promozzjoni tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***, u l-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, u l-promozzjoni tal-aċċess għal servizzi tal-provvista tal-ilma, sanità u servizzi tal-iskart reżiljenti għall-klima u sikuri;

Emenda 114

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet ***u l-emanċipazzjoni*** tan-nisa u tal-bniet, ***il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza*** domestika, ***il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, taż-żgħażagħ*** u tat-tfal***,*** u ***l-ġlieda kontra t-thaddim tat-tfal***;	(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, ***l-eliminazzjoni tal-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru fil-forom kollha, inklużi prattiki dannużi bħall-vjolenza*** domestika, ***iż-żwieġ bikri, furzat*** u tat-tfal u ***l-mutilazzjoni ġenitali femminili, u l-iżgurar li jingħata aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***;

Emenda 115

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità;

Emenda 116

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet taż-żgħażagħ u tat-tfal, il-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal u t-trawwim tal-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika u l-proċessi istituzzjonali;

Emenda 117

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) L-appoġġ għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tan-nisa, inkluż billi jissaħħaħ l-aċċess tan-nisa għar-riżorsi ekonomiċi, is-sjieda tal-art, is-servizzi finanzjarji, u x-xogħol deċenti, l-appoġġ għall-imprendituri nisa u l-SMEs immexxija min-nisa u l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi;

Emenda 118

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) It-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali, b'attenzjoni speċifika għall-protezzjoni ta' dawk ***l-aktar*** vulnerabbli;	(c) It-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali ***u tad-dritt umanitarju***, b'attenzjoni speċifika ***għall-ħtiġijiet speċifiċi u*** għall-protezzjoni ***tan-nisa, tat-tfal u*** ta' dawk ***f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli;

Emenda 119

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***Il-promozzjoni tar-rispett għall-prinċipji*** tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni***.***	(d) ***Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha u l-promozzjoni tal-prinċipju*** tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni***, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, id-drittijiet tat-tfal, tal-persuni b'diżabilità, tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, tal-persuni LGBTIQ+, u tal-popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP);***

Emenda 120

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-appoġġ għall-paċi, il-medjazzjoni, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti;	(b) L-appoġġ għall-paċi, il-medjazzjoni, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti ***u l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha ta' proċess ta' paċi, fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u fil-proċessi ta' rkupru u rikostruzzjoni***;

Emenda 121

Proposta għal regolament
Anness II.C – punt 7 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) L-iżgurar tal-involviment mas-soċjetà ċivili, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;	(e) L-iżgurar tal-involviment ***sinifikattiv*** mas-soċjetà ċivili ***inklużi d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet LGBTIQ+, u l-organizzazzjonijiet ta' bażi bħala xprunaturi ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-iżvilupp sostenibbli, u tat-tnaqqis tal-faqar u tal-paċi u tas-sigurtà***, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;

Emenda 122

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għal infrastruttura u konnettività tat-trasport sostenibbli, siguri u reżiljenti, inkluż it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u marittimu, u l-promozzjoni ta' mobbiltà intelliġenti u sostenibbli, u l-użu ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli;	(a) L-appoġġ għal infrastruttura u konnettività tat-trasport sostenibbli, siguri***, inklużivi*** u reżiljenti, inkluż it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru u marittimu, u l-promozzjoni ta' mobbiltà intelliġenti u sostenibbli, u l-użu ta' fjuwils tat-trasport sostenibbli;

Emenda 123

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) Il-promozzjoni ta' ekonomija diġitali u spazjali sigura, l-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali, l-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli, il-promozzjoni ta' governanza diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi moderni ta' ġestjoni u protezzjoni tad-data għal flussi tad-data sikuri;	(e) Il-promozzjoni ta' ekonomija diġitali u spazjali sigura, l-appoġġ għal azzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk diġitali ***bejn il-ġeneri biex jiġu żgurati soluzzjonijiet ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużivi u siguri,*** l-avvanz ta' infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli, il-promozzjoni ta' governanza diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi moderni ta' ġestjoni u

protezzjoni tad-data għal flussi tad-data sikuri;

Emenda 124

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) L-appoġġ għat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u r-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tan-nisa, inkluż billi jiżdied l-aċċess tan-nisa għar-riżorsi ekonomiċi, is-sjieda tal-art, is-servizzi finanzjarji, u x-xogħol deċenti, l-appoġġ għall-imprendituri nisa u l-SMEs immexxija min-nisa u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi;

Emenda 125

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri	(3) Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem***, id-drittijiet tan-nisa*** u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Emenda 126

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għal aċċess għall-edukazzjoni, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-prodotti tas-saħħa u n-nutrizzjoni u l-kwalità mtejba tagħhom;	(a) L-appoġġ għal aċċess għall-edukazzjoni, is-servizzi tal-kura tas-saħħa***, inklużi s-servizzi u l-prodotti bażiċi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi,*** u n-nutrizzjoni u l-kwalità mtejba tagħhom;

Emenda 127

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet, ***il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika***;	(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet, ***l-eliminazzjoni tal-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru fil-forom kollha, inklużi prattiki dannużi bħaż-żwieġ bikri u furzat u tat-tfal u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, u l-iżgurar li jingħata aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***;

Emenda 128

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità;

Emenda 129

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	cb) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet taż-żgħażagħ u tat-tfal, il-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal u t-trawwim tal-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika u l-proċessi istituzzjonali;

Emenda 130

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-governanza tajba	(5) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija***, id-drittijiet tan-nisa***, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-governanza tajba

Emenda 131

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-impunità u l-ġlieda kontrihom, u sistemi tal-ġustizzja indipendenti, responsabbli u effiċjenti;	(a) L-appoġġ għad-demokrazija***, id-drittijiet tan-nisa***, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabbiltà, il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-impunità u l-ġlieda kontrihom, u sistemi tal-ġustizzja indipendenti, responsabbli u effiċjenti;

Emenda 132

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-appoġġ u l-iżgurar tal-involviment mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-libertà tal-media, u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika u fil-proċessi istituzzjonali;	(b) L-appoġġ u l-iżgurar tal-involviment ***sinifikattiv*** mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***inklużi d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet LGBTIQ+, u l-organizzazzjonijiet ta' bażi***, il-libertà tal-media, u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika u fil-proċessi istituzzjonali;

Emenda 133

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) L-appoġġ għall-paċi, il-medjazzjoni, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti;	(b) L-appoġġ għall-paċi, il-medjazzjoni, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti ***inkluża l-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha ta' proċess ta' paċi, fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u fil-proċessi ta' rkupru u rikostruzzjoni***;

Emenda 134

Proposta għal regolament
Anness II.D – punt 7 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) L-iżgurar tal-involviment mas-soċjetà ċivili, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;	(e) L-iżgurar tal-involviment ***sinifikattiv*** mas-soċjetà ċivili ***inklużi d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet LGBTIQ+, u l-organizzazzjonijiet ta' bażi bħala xprunaturi ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-iżvilupp sostenibbli, u tat-tnaqqis tal-faqar u tal-paċi u tas-sigurtà***, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;

Emenda 135

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) L-appoġġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha ta' proċess ta' paċi, fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u fil-proċessi ta' rkupru u rikostruzzjoni;

Emenda 136

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-iżvilupp tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt	(4) Il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem***, tad-drittijiet tan-nisa***, tal-iżvilupp tal-bniedem***, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt

Emenda 137

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***d-drittijiet*** u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet, ***il-prevenzjoni*** tal-vjolenza ***kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-ġlieda kontrihom, kif ukoll il-promozzjoni tal-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma*** kollha ***ta' politika u l-proċessi istituzzjonali***;	(b) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***tad-drittijiet tan-nisa*** u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet, ***l-eliminazzjoni*** tal-vjolenza ***sesswali u bbażata fuq il-ġeneru fil-forom*** kollha***, inklużi prattiki dannużi, u l-iżgurar li jingħata aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***;

Emenda 138

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet taż-żgħażagħ u tat-tfal, u t-trawwim tal-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta' politika u l-proċessi istituzzjonali;

Emenda 139

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità;

Emenda 140

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***Is-salvagwardja*** tal-ispazju għas-soċjetà ċivili, u l-appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media;	(c) ***It-tisħiħ u s-salvagwardja*** tal-ispazju għas-soċjetà ċivili***, inklużi d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet LGBTIQ+, u l-organizzazzjonijiet ta' bażi***, u l-appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

Emenda 141

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni, għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u għall-prodotti tas-saħħa u l-kwalità mtejba tagħhom, u l-aċċess għal provvista tal-ilma reżiljenti għall-klima u sikura u effiċjenza tal-ilma, sanità inklużiva għal kulħadd u servizzi tal-iskart, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal;	(d) L-appoġġ għal aċċess akbar għall-edukazzjoni, għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u għall-prodotti tas-saħħa ***inklużi s-servizzi u l-prodotti bażiċi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi,*** u l-kwalità mtejba tagħhom, u l-aċċess għal provvista tal-ilma reżiljenti għall-klima u sikura u effiċjenza tal-ilma, sanità inklużiva għal kulħadd u servizzi tal-iskart, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal;

Emenda 142

Proposta għal regolament
Anness II.E – punt 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) L-iżgurar tal-involviment mas-soċjetà ċivili, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;	(f) L-iżgurar tal-involviment ***sinifikattiv*** mas-soċjetà ċivili***, inklużi d-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet LGBTIQ+, u l-organizzazzjonijiet ta' bażi bħala xprunaturi ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-iżvilupp sostenibbli, u tat-tnaqqis tal-faqar u tal-paċi u tas-sigurtà***, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur privat, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-awtoritajiet lokali u l-operazzjonijiet effettivi tagħhom f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom;

Emenda 143

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-bniedem	(1) L-appoġġ għall-iżvilupp tal-bniedem ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***

Emenda 144

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-appoġġ għal edukazzjoni u ħiliet inklużivi, ekwi u ta' kwalità, inkluż permezz ta' inizjattivi u riċerka globali;	(b) L-appoġġ għal edukazzjoni u ħiliet inklużivi, ekwi u ta' kwalità, inkluż permezz ta' inizjattivi u riċerka globali***, b'attenzjoni partikolari biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali STEM***;

Emenda 145

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***l-emanċipazzjoni*** tan-nisa u tal-bniet, ***u*** l-indirizzar tal-inugwaljanzi;	(c) Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ***l-protezzjoni tad-drittijiet*** tan-nisa u tal-bniet, ***inkluż permezz tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ekonomika tan-nisa, l-aċċess għall-finanzjament, l-intraprenditorija u t-tmexxija,*** l-indirizzar tal-inugwaljanzi***, l-iżgurar ta' aċċess sikur għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi***;

Emenda 146

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-aċċellerazzjoni tal-iskjerament ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva, sostenibbli, sikura u sigura, inkluża l-konnettività bis-satellita, u l-promozzjoni ta' ekonomija diġitali ċċentrata fuq il-bniedem u sigura u governanza globali;	(c) L-aċċellerazzjoni tal-iskjerament ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inklużiva, sostenibbli, sikura u sigura, inkluża l-konnettività bis-satellita, ***miżuri biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri*** u l-promozzjoni ta' ekonomija diġitali ċċentrata fuq il-bniedem***, inklużiva*** u sigura u governanza globali;

Emenda 147

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt	(3) Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem***, tad-drittijiet tan-nisa*** u tal-istat tad-dritt

Emenda 148

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ***il-promozzjoni*** tal-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' spazju ċiviku abilitanti, inkluż billi tingħata s-setgħa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lin-networks tagħhom madwar id-dinja;	(a) Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem***, id-drittijiet tan-nisa*** u l-libertajiet fundamentali, ***il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, u l-promozzjoni*** tal-prinċipji tal-ugwaljanza***, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u n-nondiskriminazzjoni, ***b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, id-drittijiet tat-tfal, tal-persuni b'diżabilità, tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, tal-persuni LGBTIQ+, u tal-popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP); il-qerda tal-vjolenza kontra l-persuni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, il-ġeneru, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;*** il-protezzjoni u t-tisħiħ ta' spazju ċiviku abilitanti, inkluż billi tingħata s-setgħa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u LGBTIQ+*** u lin-networks tagħhom madwar id-dinja***, u l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-protezzjoni***;

Emenda 149

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-indirizzar tat-theddid għad-demokrazija, inklużi l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija ***u d-diżinformazzjoni***, u l-appoġġ għal media ħielsa u indipendenti;	(c) L-indirizzar tat-theddid għad-demokrazija, inklużi l-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni barranija***, id-diżinformazzjoni, inkluża d-diżinformazzjoni marbuta mal-ġeneru kif definit hawn fuq, u t-theddid ibridu, kif ukoll it-tentattivi biex jiġu mminati d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, u l-appoġġ għal media ħielsa***, pluralistika*** u indipendenti ***billi b'mod speċjali jiġu protetti l-ġurnalisti nisa***;

Emenda 150

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-appoġġ u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt ***u*** tad-dritt internazzjonali, inkluż permezz ta' mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali, mekkaniżmi ta' trasparenza u responsabbiltà.	(d) L-appoġġ u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt***,*** tad-dritt internazzjonali ***u tad-dritt umanitarju,*** inkluż permezz ta' mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali, mekkaniżmi ta' trasparenza u responsabbiltà.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) It-tisħiħ tas-sistema, il-proċessi u l-arkitettura globali u multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem.	(e) It-tisħiħ tas-sistema, il-proċessi u l-arkitettura globali u multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem***, b'appoġġ għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għad-drittijiet tal-minoranzi u għad-demokrazija***.

Emenda 152

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fil-governanza pubblika fil-livelli kollha, inkluż permezz ta' taħriġ fit-tmexxija u l-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali.

Emenda 153

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-appoġġ għall-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti permezz ta' prospettiva, analiżi tal-kunflitti, twissija bikrija, konsolidazzjoni tal-paċi, medjazzjoni u djalogu;	(a) L-appoġġ għall-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-kunflitti permezz ta' prospettiva, analiżi tal-kunflitti, twissija bikrija, konsolidazzjoni tal-paċi ***u nisa li jikkonsolidaw il-paċi***, medjazzjoni u djalogu;

Emenda 154

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) L-appoġġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, inkluż it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet fl-istadji kollha tal-konsolidazzjoni tal-paċi, inklużi l-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, ir-riżoluzzjoni, l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni wara l-kunflitt, filwaqt li jissaħħu l-istabbiltà, ir-reżiljenza u l-governanza inklużiva;

Emenda 155

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-indirizzar tat-theddid globali, inkluż it-theddid ibridu, spazjali u ċibernetiku, il-promozzjoni tas-sigurtà marittima u tal-avjazzjoni;	(b) L-indirizzar tat-theddid globali, inkluż it-theddid ibridu, spazjali u ċibernetiku***, inkluża l-interferenza barranija mmirata lejn l-istituzzjonijiet demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa***, il-promozzjoni tas-sigurtà marittima u tal-avjazzjoni;

Emenda 156

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Iż-żieda fl-istabbiltà u s-sigurtà permezz ta' inizjattivi multilaterali kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll il-kooperazzjoni globali kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata;	(c) Iż-żieda fl-istabbiltà u s-sigurtà permezz ta' inizjattivi multilaterali ***u strateġiji ta' prevenzjoni li jħarsu 'l quddiem u reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru li jtejbu r-reżiljenza strutturali tal-atturi tas-soċjetà ċivili*** kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll il-kooperazzjoni globali kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata;

Emenda 157

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) L-appoġġ għal inizjattivi globali biex jiġu indirizzati r-riskji klimatiċi u ambjentali b'impatt potenzjalment destabbilizzanti fuq il-paċi u s-sigurtà;	(e) L-appoġġ għal inizjattivi globali biex jiġu indirizzati r-riskji klimatiċi u ambjentali b'impatt potenzjalment destabbilizzanti fuq ***l-ambjent, is-saħħa, in-nisa,*** il-paċi u s-sigurtà;

Emenda 158

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u operazzjonali tan-networks u l-alleanzi tal-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi Ewropej u sħab għall-iżvilupp;	(c) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali u operazzjonali tan-networks u l-alleanzi tal-awtoritajiet lokali tal-pajjiżi Ewropej u sħab għall-iżvilupp***, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' governanza inklużiva, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa f'żoni rurali u muntanjużi u t-tmexxija tan-nisa fil-livell lokali***;

Emenda 159

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Iż-żieda fil-kapaċitajiet u ż-żamma ta' sħubijiet mal-organizzazzjonijiet, in-networks, il-pjattaformi u l-alleanzi tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi Ewropej u sħab biex jinħoloq ambjent abilitanti għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għall-azzjoni tas-soċjetà ċivili, inkluż fl-Unjoni;	(d) Iż-żieda fil-kapaċitajiet u ż-żamma ta' sħubijiet mal-organizzazzjonijiet***, inkluż għal organizzazzjonijiet li jippromwovu l-valuri demokratiċi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-istat tad-dritt***, in-networks, il-pjattaformi u l-alleanzi tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi Ewropej u sħab biex jinħoloq ambjent abilitanti għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għall-azzjoni tas-soċjetà ċivili, inkluż fl-Unjoni;

Emenda 160

Proposta għal regolament
Anness II.F – punt 5 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) L-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa bħala xprunaturi ewlenin tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli, u t-tnaqqis tal-faqar u l-paċi u s-sigurtà;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, qabel l-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
Forum Parlamentari Ewropew għad-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi
Concord
Save the Children
UNICEF
UN Women
UNFPA
IPPF
Equipop
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Li jistabbilixxi Ewropa Globali	
Referenzi	COM(2025)0551 – C10-0175/2025 – 2025/0227(COD)	
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 23.10.2025	DEVE 23.10.2025
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 23.10.2025	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Abir Al-Sahlani 15.1.2026	
Eżami fil-kumitat	25.2.2026	24.3.2026
Data tal-adozzjoni	3.6.2026	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	25 7 1

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

25	+
PPE	Loucas Fourlas, Arba Kokalari, Ewa Kopacz, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Eleonora Meleti, Mirosława Nykiel, Sirpa Pietikäinen, Maria Walsh
PfE	Mathilde Androuët
Renew	Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Dainius Žalimas
S&D	Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Alessandra Moretti, Emma Rafowicz, Cecilia Strada, Marko Vešligaj
The Left	Sebastian Everding, Kathleen Funchion
Verts/ALE	Alice Kuhnke, Anna Strolenberg, Thomas Waitz

7	-
ECR	Beatrice Timgren, Laurence Trochu
ESN	Irmhild Boßdorf
PfE	Mieke Andriese, Elisabeth Dieringer, Sebastian Kruis, Margarita de la Pisa Carrión

1	0
ECR	Chiara Gemma

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni